Parlament Ewropew

Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża

2025/2144(INI)

11.11.2025

EMENDI
1 - 234

Abbozz ta' rapport
Lucia Annunziata
(PE776.841v01-00)

Proġetti ewlenin ta' interess komuni fis-settur tad-difiża Ewropea
(2025/2144(INI))

Emenda 1
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni – a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-10 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Strateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża",

Or. en

Emenda 2
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-proposta tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2024 għal regolament*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***li jistabbilixxi l-Programm*** għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża (***"EDIP") (COM(2024)0150***), b'mod partikolari ***l-Artikolu 15*** tagħha rigward il-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI),	– wara li kkunsidra ***r-Regolament (UE) XXX*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***ta' XXX dwar l-istabbiliment ta' Programm*** għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża (***ir-Regolament EDIP***), b'mod partikolari ***l-Kapitolu IIb*** tagħha rigward il-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI),

Or. en

Emenda 3
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-21 ta' Frar 2025 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils" (JOIN(2025) 9 final),

Or. en

Emenda 4
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***l-proposta tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 għal regolament*** tal-Kunsill li jistabbilixxi l-istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-tisħiħ tal-industrija tad-difiża Ewropea ***(COM(2025)0122)***,	– wara li kkunsidra ***r-Regolament*** tal-Kunsill ***(UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025*** li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża,

Or. en

Emenda 5
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra d-dokument	***imħassar***

dokument ta' orjentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2025 bit-titolu "Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030",

Or. en

Emenda 6
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra ***d-dokument dokument ta' orjentazzjoni*** tal-Kummissjoni ***tad-29 ta' Settembru*** 2025 bit-titolu "***Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030***",	– wara li kkunsidra ***l-komunikazzjoni konġunta*** tal-Kummissjoni ***u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-16 ta' Ottubru*** 2025 bit-titolu "***Il-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża***",

Or. en

Emenda 7
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni – a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari,

Or. en

Emenda 8
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-istrateġiji tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE,	***imħassar***

Or. en

Emenda 9
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta tas-17 ta' April 2024 bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq) u, b'mod partikolari, il-kapitolu tiegħu "A single market to play big: scale matters" (Suq uniku li għandu ħafna x'jaqdi: id-daqs tal-iskala huwa importanti)",

Or. en

Emenda 10
Michał Dworczyk, Adam Bielan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2025 dwar il-	***imħassar***

white paper dwar il-futur tad-difiża[2] Ewropea, u b'mod partikolari l-paragrafi 4 u 58 tagħha,

---

[2] Testi adottati, P10_TA(2025)0034.

Or. en

Emenda 11
Eszter Lakos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025,

Or. en

Emenda 12
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà ***tal-UE*** jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom u jaġixxu u jirrispondu b'mod awtonomu ***jew*** fi sħubija ***mal-alleati tagħhom***, b'mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;	A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà ***tal-Ewropa, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux provokata, fuq skala sħiħa mwettqa mir-Russja kontra l-Ukrajna,*** jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom***, kif ukoll jiskoraġġixxu,*** u jaġixxu u jirrispondu ***kemm*** b'mod awtonomu ***kif ukoll*** fi

sħubija ***mal-Istati Uniti u ma' alleati oħra***, b'mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;

Or. en

Emenda 13
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom u jaġixxu u jirrispondu b'mod awtonomu jew fi sħubija mal-alleati tagħhom, b'mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;	A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE***, inkluża l-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna,*** jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom ***iżidu l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB),*** jiddefendu s-sovranità tagħhom u jaġixxu u jirrispondu b'mod awtonomu jew fi sħubija mal-alleati tagħhom, b'mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;

Or. en

Emenda 14
Rasa Juknevičienė

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati	A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati

Membri tagħha jżidu b’mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta’ intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom ***u*** jaġixxu u jirrispondu b’mod awtonomu jew fi sħubija mal-alleati tagħhom, b’mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;	Membri tagħha jżidu b’mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta’ intelligence ***u ta’ deterrenza*** li ***mhux biss*** jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom ***iżda wkoll jipprevjenu u jiskoraġġixxu kwalunkwe aggressjoni potenzjali, filwaqt li jippermettulhom*** jaġixxu u jirrispondu b’mod awtonomu jew fi sħubija mal-alleati tagħhom, b’mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;

Or. en

Emenda 15
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta’ theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b’mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta’ intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom ***u*** jaġixxu u jirrispondu b’mod awtonomu jew fi sħubija mal-alleati tagħhom, b’mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;	A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta’ theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b’mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta’ intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità***, l-indipendenza u l-integrità territorjali*** tagħhom***, kif ukoll*** jaġixxu u jirrispondu b’mod awtonomu jew fi sħubija mal-alleati tagħhom, b’mod partikolari fi ħdan in-NATO, għat-theddid immedjat u futur;

Or. en

Emenda 16
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom u jaġixxu u jirrispondu b'mod awtonomu jew fi sħubija ***mal-alleati tagħhom, b'mod partikolari fi ħdan in-NATO***, għat-theddid immedjat u futur;	A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom u jaġixxu u jirrispondu b'mod awtonomu jew fi sħubija, għat-theddid immedjat u futur;

Or. en

Emenda 17
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom u jaġixxu u jirrispondu b'mod awtonomu ***jew fi sħubija mal-alleati tagħhom, b'mod partikolari fi ħdan in-NATO***, għat-theddid immedjat u futur;	A. billi l-isfidi maħluqa mit-tnaqqis fil-paċi u s-sigurtà globali u l-emerġenza ta' theddid ġdid u li qed jevolvi għas-sigurtà tal-UE jirrikjedu li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu b'mod sinifikanti l-investiment tagħhom fid-difiża sabiex jiżviluppaw kapaċitajiet militari u ta' intelligence li jippermettulhom jiddefendu s-sovranità tagħhom u jaġixxu u jirrispondu b'mod awtonomu ***inkluż fil-każ ta' paraliżi tal-istrutturi ta' kmand tan-NATO***, għat-theddid immedjat u futur;

Or. en

Emenda 18
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-attakki li qed jiżdiedu kontra l-infrastrutturi kritiċi Ewropej, inklużi l-attakki ċibernetiċi u s-sabotaġġ, jheddu ħafna l-ħajja tagħna ta' kuljum u l-attivitajiet ekonomiċi tagħna, u jirrikjedu rispons koordinat tal-UE permezz ta' proġetti Ewropej fuq skala kbira;

Or. en

Emenda 19
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-gwerra***, storikament iddominata mill-armi*** konvenzjonali***, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"***; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;	B. billi l-gwerra ***kontemporanja qed tkompli tuża mezzi*** konvenzjonali ***iżda qed tenfasizza dejjem aktar metodi ta' informazzjoni, psikoloġiċi, asimmetriċi, ibridi u metodi oħra mhux konvenzjonali***; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet

militari;

Or. en

Emenda 20
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;	B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda***, speċjalment l-użu tad-droni, l-attakki ċibernetiċi*** u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;

Or. en

Emenda 21
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi “mill-azzar għall-web”; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f’network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta’ teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta’ swarms ta’ droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta’ missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi ***blindati*** qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta’ preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;	B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi “mill-azzar għall-web”; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f’network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta’ teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta’ ***droni u*** swarms ta’ droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta’ missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi ***tal-art*** qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta’ preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari ***u ta’ sigurtà***;

Or. en

Emenda 22
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi “mill-azzar għall-web”; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f’network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta’ teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni	B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi “mill-azzar għall-web”; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f’network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta’ teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni

tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;	tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni ***fl-oqsma kollha***, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;
	Or. en

Emenda 23
Pekka Toveri, Riho Terras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;	B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati ***tal-artillerija*** u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari; ***billi, minkejja kapaċitajiet ġodda, dawk eżistenti mhux se jisparixxu, u għad hemm il-ħtieġa li jiġu prodotti u użati sistemi ta' armi u munizzjon tradizzjonali fuq skala kbira***

meta jkun meħtieġ; billi t-tħejjija strateġika għal kunflitt fit-tul tibqa' kruċjali biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-sigurtà u d-difiża fit-tul;

Or. en

Emenda 24
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;	B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari; ***billi din il-paradigma ġdida ta' kunflitt tfisser li l-ebda reġjun tal-Unjoni Ewropea ma huwa eżentat mir-riskju li jsofri kwalunkwe forma ta' aggressjoni, interferenza, jew attakk ibridu;***

Or. en

Emenda 25

Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari;	B. billi l-gwerra, storikament iddominata mill-armi konvenzjonali, tidher li qed tevolvi "mill-azzar għall-web"; billi kulma jmur qed tinkorpora dejjem aktar kapaċitajiet ċibernetiċi u operazzjonijiet f'network, u l-istrateġiji tal-gwerra qed jiġu ttrasformati permezz ta' teknoloġiji ġodda u l-intelliġenza artifiċjali (IA) u ma għadhomx limitati għall-qawwa tan-nar bil-massa u l-konfrontazzjonijiet fuq skala kbira, iżda qed jersqu lejn il-minjaturizzazzjoni u d-deċentralizzazzjoni tas-sistemi, kif evidenzjat mill-użu ta' swarms ta' droni, armi abilitati bl-IA, mini intelliġenti, u sistemi ta' missili portabbli fuq il-kampijiet tal-battalja; billi l-inġenji tal-ajru tal-ġlied, il-bastimenti, il-karrijiet armati u l-vetturi blindati qed isiru aktar vulnerabbli għall-attakki ta' preċiżjoni u għalhekk jeħtieġu protezzjoni akbar, peress li għadhom essenzjali għall-operazzjonijiet militari; ***billi l-iżvilupp ta' sħubijiet innovattivi konġunti dwar it-teknoloġiji emerġenti jsaħħaħ b'mod sostanzjali l-EDTIB;***

Or. en

Emenda 26
Pierre-Romain Thionnet, Christophe Bay

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-bidla mill-"azzar għall-web" ma għandhiex tinjora l-importanza kontinwa tal-ktajjen tal-provvista fiżiċi, tal-materja prima strateġika u tal-

	materjali pproċessati, u tal-oġġetti manifatturati, li kollha kemm huma jibqgħu essenzjali għall-prontezza militari; billi l-EDPCIs jistgħu jintużaw ukoll biex jappoġġjaw faċilitajiet "dejjem lesti" u azzjonijiet oħra ta' tisħiħ industrijali għall-komponenti u l-materja prima essenzjali għall-produzzjoni tad-difiża; billi s-sehem taċ-Ċina fil-produzzjoni industrijali globali kiber minn madwar 6 % fl-2000 għal madwar 30 % llum, u huwa previst li jilħaq 45 % sal-2030, u dan jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni tiżgura li tiżviluppa mhux biss il-kapaċitajiet militari kritiċi meħtieġa, iżda wkoll il-bażi industrijali meħtieġa biex titnaqqas id-dipendenza strateġika fuq pajjiżi mhux tal-UE għall-produzzjoni tagħhom;
	Or. en

Emenda 27
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-ispazju qed isir qasam strateġiku dejjem aktar konġestjonat u kkontestat, b'użu dejjem akbar ta' armi kemm tas-segmenti tal-art kif ukoll tal-ispazju; billi n-NATO rrikonoxxiet l-ispazju bħala l-ħames qasam operazzjonali strateġiku, filwaqt li rrikonoxxiet l-isfidi dejjem akbar tas-sigurtà li joriġinaw mill-ispazju u, konsegwentement, il-ħtieġa li dan isir aktar sigur;
	Or. en

Emenda 28

Michał Dworczyk, Adam Bielan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta' 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta' Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari ta' interess komuni għall-forzi armati tagħhom;	C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta' 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta' Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi ***din is-sitwazzjoni rriżultat ukoll minn perċezzjonijiet ta' theddid differenti fost l-Istati Membri, peress li dawk b'industriji ewlenin tad-difiża żammew kooperazzjoni mill-qrib mal-Federazzjoni Russa minkejja twissijiet minn Stati Membri oħra li kienu diġà raw theddida dejjem akbar mill-pożizzjoni aggressiva b'mod miftuħ ta' Moska;*** billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari ta' interess komuni għall-forzi armati tagħhom; ***jisħaq li dan l-approċċ huwa leġittimu u jirriżulta mill-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;***

Or. en

Emenda 29
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta' 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta' Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi ***l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari ta' interess komuni għall-forzi armati tagħhom***;	C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta' 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta' Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi ***l-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030, li l-Kunsill Ewropew approva fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2025, jistabbilixxi mira li sa tmiem l-2027 mill-inqas 40 % tal-akkwist fil-qasam tad-difiża jiġi organizzat bħala akkwist konġunt; billi l-Kunsill Ewropew, fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2025, stieden lill-Istati Membri "jingranaw dejjem aktar l-investiment fid-difiża lejn l-akkwist konġunt"***;

Or. en

Emenda 30
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta'	C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta'

35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta’ Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet militari ta’ interess komuni għall-forzi armati tagħhom;

35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta’ Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi ***tirrikonoxxi l-ħtieġa ta’ EDTIB inqas dipendenti fuq pajjiżi terzi; billi*** l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet militari ta’ interess komuni għall-forzi armati tagħhom;

Or. en

Emenda 31
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta’ Marzu 2024 bit-titolu “Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża”, il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta’ tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta’ 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta’ Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet militari ta’ interess komuni għall-forzi armati tagħhom;	C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta’ Marzu 2024 bit-titolu “Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża”, il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta’ tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta’ 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta’ Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet militari ta’ interess komuni għall-forzi armati tagħhom; ***billi l-kisba ta’ dan il-parametru referenzjarju tirrikjedi inċentivi aktar b’saħħithom u pożijiet amministrattivi mnaqqsa, filwaqt li jiġi***

żgurat li l-kooperazzjoni tibqa' mmexxija mis-suq u bbażata fuq kapaċitajiet militari ta' interess komuni Ewropew u transatlantiku;

Or. en

Emenda 32
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta' 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta' Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari ta' interess komuni għall-forzi armati tagħhom;	C. billi fil-komunikazzjoni konġunta tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża", il-Kummissjoni tenfasizza li 18 % biss tal-infiq totali fuq it-tagħmir mill-Istati Membri tal-UE kien iddedikat għall-akkwist kollaborattiv ta' tagħmir tad-difiża tal-UE fl-2022, ferm inqas mill-parametru referenzjarju kollettiv attwali ta' 35 % stabbilit mill-Istati Membri fil-Bord Ministerjali ta' Tmexxija tal-EDA fl-2007; billi l-utenti finali tal-prodotti tad-difiża huma primarjament il-forzi armati nazzjonali tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar jistgħu għalhekk jikkunsidraw li jżidu l-investimenti tagħhom fi proġetti industrijali tad-difiża biss jekk dawn il-proġetti jikkonċernaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari ta' interess komuni għall-forzi armati tagħhom; ***billi sforzi koordinati fost l-Istati Membri biex jiżguraw allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, inaqqsu l-frammentazzjoni u jaċċeleraw l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi tad-difiża huma kruċjali għall-bini ta' suq uniku għad-difiża li jiffunzjona bis-sħiħ;***

Or. en

Emenda 33

Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Istati Membri għandhom iżommu s-sovranità sħiħa tagħhom fil-qasam tad-difiża, u billi kwalunkwe kooperazzjoni f'dan il-qasam għandha tkun volontarja, intergovernattiva u mhux vinkolanti, filwaqt li tirrispetta l-istrutturi u l-prinċipji kostituzzjonali nazzjonali u l-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri;

Or. es

Emenda 34
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi d-difiża tibqa' kompetenza ewlenija tal-Istati Membri, u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE trid tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà, filwaqt li tiżgura li l-proġetti ewlenin isaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali u ma jiksrux il-prerogattivi sovrani tal-Istati Membri fl-ippjanar u l-akkwist fil-qasam tad-difiża;

Or. en

Emenda 35
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi, f'konformità mal-Artikolu 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kull Stat Membru jżomm id-dritt li jieħu kwalunkwe miżura li jqis meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu marbuta mal-produzzjoni jew mal-kummerċ ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra; billi kwalunkwe inizjattiva tal-Unjoni fil-qasam tal-industrija tad-difiża trid għalhekk tirrispetta bis-sħiħ din id-dispożizzjoni, tibqa' ta' natura volontarja, u żżomm lura milli timponi obbligi armonizzati jew akkwist ċentralizzat li jistgħu jillimitaw is-sovranità tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża;

Or. en

Emenda 36
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni Ewropea għandha tikkomplementa u ssaħħaħ l-isforzi tan-NATO, u tiżgura interoperabbiltà u koordinazzjoni sħaħ bejn il-forzi tal-UE u tan-NATO, filwaqt li tevita kwalunkwe diżakkoppjament jew duplikazzjoni ta' strutturi, kapaċitajiet jew objettivi strateġiċi eżistenti;

Or. en

Emenda 37
Eszter Lakos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Ewropa qed tiffaċċja theddid konvenzjonali u mhux konvenzjonali serju għas-sigurtà tagħha; billi l-Istati Membri fin-naħa tal-Lvant tal-Ewropa huma l-aktar esposti għall-materjalizzazzjoni ta' dan it-theddid; billi l-Konklużjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025 issottolinjat li t-theddid immedjat fin-naħa tal-Lvant tal-UE u l-għoti ta' appoġġ konkret lill-Istati Membri jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala kwistjonijiet ta' prijorità; billi l-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża ppubblikat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2025 jidentifika l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni u l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant bħala l-aktar proġetti urġenti; billi l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant għandha tinkludi teknoloġiji effettivi u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku kontra d-droni li huma strumentali wkoll fl-istabbiliment tal-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni;

Or. en

Emenda 38
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi r-reġjun tal-Baħar l-Iswed jikkostitwixxi kuritur strateġiku li jgħaqqad l-Ewropa, il-Kawkasu, il-Lvant Nofsani u l-Asja, u huwa essenzjali għas-sigurtà, il-kummerċ u d-diversifikazzjoni tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea; billi l-proġetti ewlenin ta' interess komuni

għandhom jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi, is-sorveljanza msaħħa u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' difiża fir-reġjun;

Or. en

Emenda 39
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża tistabbilixxi l-objettiv li jiġu żviluppati inċentivi biex jistimulaw l-investimenti kollaborattivi tal-Istati Membri fi proġetti konġunti u l-akkwist konġunt ta' kapaċitajiet ta' difiża li jiġu żviluppati b'mod kollaborattiv fi ħdan l-UE;	D. billi l-Boxxla Strateġika dwar is-Sigurtà u d-Difiża tistabbilixxi l-objettiv li jiġu żviluppati inċentivi biex jistimulaw l-investimenti kollaborattivi tal-Istati Membri fi proġetti konġunti u l-akkwist konġunt ta' kapaċitajiet ta' difiża li jiġu żviluppati b'mod kollaborattiv fi ħdan l-UE***, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-proċessi tal-ippjanar tad-difiża tan-NATO u b'rispett sħiħ għall-kompetenzi sovrani tal-Istati Membri fil-politika tad-difiża***;

Or. en

Emenda 40
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea	E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea

(EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika;	(EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika***, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali rigward l-ippjanar, il-finanzjament u l-kontroll tal-kapaċitajiet tad-difiża tagħhom, inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operattivi kollha***;
	Or. es

Emenda 41
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, ***u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma*** operazzjonali kollha, ***jiġifieri*** tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika;	E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, ***filwaqt li jippromwovu arkitetturi miftuħa u modulari, innovazzjoni b'użu doppju, u parteċipazzjoni transfruntiera tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-oqsma*** operazzjonali kollha***:*** tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika***, f'komplementarjetà sħiħa mal-prijoritajiet tal-kapaċità tan-NATO***;

Or. en

Emenda 42
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika;	E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, ***kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni*** filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika;

Or. en

Emenda 43
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti	E. billi r-regolament propost li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti

industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika;	industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar ***(inkluż taħt l-ilma)***, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika;
	Or. en

Emenda 44
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ***r-regolament propost*** li jistabbilixxi l-EDIP jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika;	E. billi ***r-regolament proviżorju dwar ir-regolament*** li jistabbilixxi ***l-EDIP*** jipprevedi l-implimentazzjoni ta' Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI); billi l-EDPCI jikkonsistu fi proġetti industrijali kollaborattivi mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) madwar l-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri liema kapaċitajiet huma kritiċi għall-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni, u inklużi dawk li jiżguraw l-aċċess għall-oqsma operazzjonali kollha, jiġifieri tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċibernetika; ***billi l-EDIP jinkludi wkoll strument ġdid, l-Istrutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAPs), li jista' jservi bħala l-qafas legali u istituzzjonali għal inizjattivi kollaborattivi dwar l-armamenti taħt il-***

kappa ta' proġetti ewlenin;

Or. en

Emenda 45
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej trid tipproċedi b'mod li jiżgura s-sostenibbiltà fiskali, jissalvagwardja l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-UE, u jevita dejn pubbliku eċċessiv jew riallokazzjoni minn investimenti soċjali essenzjali; billi r-riarmament tal-Ewropa għandu għalhekk ikun ibbażat fuq ippjanar fit-tul u koordinat u l-użu effiċjenti tar-riżorsi kondiviżi;

Or. en

Emenda 46
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-proġetti ewlenin tal-Unjoni Ewropea għandhom jadottaw approċċ komprensiv għad-difiża, li jinkludi kemm il-protezzjoni mill-aggressjoni militari diretta kif ukoll il-preparatezza għal theddid ibridu, inkluż l-użu tal-migrazzjoni bħala arma, il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, u l-attakki ċibernetiċi mmirati lejn infrastruttura kritika;

Or. en

Emenda 47
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-proġetti ewlenin huma opportunità importanti biex jitrawmu l-innovazzjoni, l-interoperabbiltà u l-kompetittività fl-industrija tad-difiża Ewropea, li jirrappreżentaw pass importanti lejn it-tisħiħ tal-EDTIB;

Or. en

Emenda 48
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi, kif enfasizzat fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030, l-Ukrajna tibqa' l-ewwel linja ta' difiża tal-Ewropa u hija parti integrali mill-arkitettura tad-difiża u tas-sigurtà tal-Ewropa, u l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikomplu jappoġġjaw u jintensifikaw il-kooperazzjoni mal-Ukrajna; billi l-inklużjoni tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża (DTIB) tal-Ukrajna fl-EDPCIs u l-proġetti ewlenin għandha tirrappreżenta element kruċjali fl-istabbiliment effettiv ta' suq unifikat għad-difiża;

Or. en

Emenda 49
Marion Maréchal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE ***bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora***, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE***, li fuq kollox, tirrifletti r-rieda sovrana ta' kull Stat Membru li jsaħħaħ is-sigurtà nazzjonali tiegħu u l-kontribut tiegħu għad-difiża kollettiva tal-Ewropa***, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;

Or. fr

Emenda 50
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; ***jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-***	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika;

Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;

Or. en

Emenda 51
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn ***koordinazzjoni,*** effiċjenza ***u integrazzjoni*** akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; ***ifaħħar b'mod partikolari lil dawk l-Istati Membri li għal diversi snin konsekuttivi mhux biss issodisfaw iżda qabżu l-impenji ta' nfiq għad-difiża stabbiliti fin-NATO, u b'hekk ikkontribwew għar-reżiljenza u għall-kompetittività tal-bażi industrijali tad-difiża tal-Ewropa u ġarrbu l-kostijiet tas-sigurtà tal-Ewropa — li minnhom ibbenefikaw Stati Membri oħra aktar għonja;*** jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn effiċjenza akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom***, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-TUE, jiżguraw il-***

kompatibbiltà mal-ippjanar u l-istrutturi tan-NATO, u jevitaw kwalunkwe duplikazzjoni bla bżonn, peress li duplikazzjoni bħal din tirrappreżenta użu li jiswa l-flus u ineffiċjenti tar-riżorsi li jimmina l-koerenza strateġika u l-funzjonament effettiv tas-Suq Uniku;

Or. en

Emenda 52
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, ***jippromwovu l-interoperabbiltà fost il-forzi armati,*** isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom***, sabiex tinbena Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina***;

Or. en

Emenda 53
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom; ***jisħaq li l-proċess tat-tisħiħ tad-difiża Ewropea ma jridx jimmina l-istabbiltà fiskali tal-Istati Membri jew ipoġġi pożijiet finanzjarji żejda fuq iċ-ċittadini, u li l-integrazzjoni tad-difiża għandha tagħti prijorità lill-ottimizzazzjoni tar-riżorsi u l-kapaċitajiet industrijali eżistenti fuq infiq ġdid iffinanzjat mid-dejn;***

Or. en

Emenda 54
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża

Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom; ***jissottolinja li, fin-nuqqas tal-istabbiliment ta' suq uniku għad-difiża li jiffunzjona bis-sħiħ, iż-żieda kontinwa fl-infiq għad-difiża nazzjonali tista' tispiċċa minħabba ineffiċjenzi, u b'hekk tikkontribwixxi għal aktar frammentazzjoni fl-Unjoni Ewropea; jisħaq fuq l-importanza li jissaħħaħ l-infiq konġunt u kollaborattiv għad-difiża sabiex tiġi żgurata l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi, tissaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB), u tiġi stabbilita l-bażi għall-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża li tiffunzjona;***
	Or. en

Emenda 55
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni,	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni,

effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom; ***jirrikonoxxi wkoll li ż-żieda fl-infiq għad-difiża tista' twassal biss għal żieda fil-kapaċitajiet tad-difiża meta jiġu eliminati l-ostakli strutturali għal suq uniku għat-tagħmir tad-difiża, sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni transfruntiera u l-integrazzjoni tas-suq tad-difiża, pereżempju permezz tal-eliminazzjoni immedjata u komprensiva tal-ostakli regolatorji, l-armonizzazzjoni tal-oqfsa ta' ċertifikazzjoni u kontroll tal-esportazzjoni jew is-simplifikazzjoni tat-trasferimenti fl-UE sa Ġunju 2026; jenfasizza, fl-istess ħin, li l-infiq għad-difiża ma għandux jiġi ffinanzjat permezz ta' mekkaniżmi ta' dejn kollettiv bħal SAFE, iżda għandu jiġi integrat f'baġit regolari;***
	Or. de

Emenda 56
Rasa Juknevičienė

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-

difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;

difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom; ***jinnota li l-Istati Membri li jinsabu eqreb tar-Russja jallokaw sehem ferm ogħla tal-PDG tagħhom għad-difiża; jistieden lill-Istati Membri kollha jsaħħu l-investiment tagħhom fid-difiża u jtejbu l-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet biex isaħħu l-pożizzjoni kollettiva ta' sigurtà u deterrenza tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 57
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost l-Istati Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom***, speċjalment permezz ta' żieda rapida fl-akkwist komuni u passi ulterjuri lejn suq komuni Ewropew għad-difiża***;

Or. en

Emenda 58
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost ***l-Istati*** Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;	1. Jirrikonoxxi ż-żieda sinifikanti fin-nefqa għad-difiża fost ***xi Stati*** Membri tal-UE bħala riflessjoni ċara tad-determinazzjoni tagħhom li jirrispondu għall-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora, billi jtejbu l-kapaċitajiet militari, isaħħu d-deterrenza, u jirfdu l-impenn kollettiv tagħhom għad-difiża Ewropea u trans-Atlantika; jirrikonoxxi wkoll li t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa jirrikjedi mhux biss żieda fl-infiq għad-difiża nazzjonali iżda bidla komprensiva lejn koordinazzjoni, effiċjenza u integrazzjoni akbar fil-mod kif l-Istati Membri jiżviluppaw il-politiki tad-difiża tagħhom, jallokawlhom ir-riżorsi u jimplimentawhom;

Or. en

Emenda 59
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira***, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra***	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira***; jisħaq li l-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet għandu***

ibrida; jappella għal miżuri urġenti ***biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u*** investimenti ***mmirati*** biex ***tiġi żgurata l-prontezza*** tad-difiża;

jiffoka fuq it-tisħiħ tal-koordinazzjoni, l-interoperabbiltà u r-reżiljenza fl-oqfsa tan-NATO; jappella għal miżuri urġenti ***u mmirati u*** investimenti biex ***tissaħħaħ il-bażi industrijali*** tad-difiża ***Ewropea, tittejjeb l-effiċjenza, u tiġi żgurata l-prontezza, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali fis-sigurtà u d-difiża***;

Or. en

Emenda 60
Pekka Toveri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem ***l-atti ta' gwerra ibrida***; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem ***attakki massivi b'missili fuq distanza twila***; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża ***u l-preparatezza għal gwerra fit-tul***;

Or. en

Emenda 61
Rasa Juknevičienė

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li ***jiskoraġġixxu u*** jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida ***u probabbiltà akbar ta' gwerra konvenzjonali***; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;

Or. en

Emenda 62
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; ***jirrimarka wkoll b'mod partikolari l-lakuni fil-kapaċitajiet fil-qasam tal-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili, id-droni, l-ispazju u s-satelliti, il-mobbiltà militari, is-sistemi moderni ta' komunikazzjoni, is-sorveljanza u r-rikonoxximent tal-intelligence, il-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi, iċ-ċibernetika u l-IA;*** jissottolinja li dawn il-

mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;

Or. de

Emenda 63
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa ***kemm dwar kwistjonijiet strateġiċi kif ukoll industrijali***, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;

Or. en

Emenda 64
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża; ***jissottolinja li l-kooperazzjoni msaħħa fl-indirizzar tan-nuqqasijiet fil-kapaċità għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' responsabbiltà kondiviża iżda proporzjonata, filwaqt li jiġi żgurat li l-kontributi tad-difiża nazzjonali jirriflettu l-kapaċità ekonomika u l-prijoritajiet strateġiċi ta' kull Stat Membru;***

Or. en

Emenda 65
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw

b’mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta’ difiża fit-tul fuq skala kbira, b’mod partikolari quddiem l-atti ta’ gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta’ kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;

b’mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta’ difiża fit-tul fuq skala kbira, b’mod partikolari quddiem l-atti ta’ gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta’ kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża; ***jappella għal involviment Ewropew akbar fl-istrutturi eżistenti tan-NATO għall-kooperazzjoni u li jiġu żviluppati biss kapaċitajiet ġodda tal-UE fejn l-istrutturi tan-NATO ma jkunux biżżejjed;***

Or. en

Emenda 66
Hannah Neumann
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta’ difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta’ kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b’mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta’ difiża fit-tul fuq skala kbira, b’mod partikolari quddiem l-atti ta’ gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta’ kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta’ difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta’ kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b’mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta’ difiża fit-tul fuq skala kbira, b’mod partikolari quddiem l-atti ta’ gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta’ kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża; ***jistieden lill-Istati Membri jiffinalizzaw malajr il-koalizzjonijiet tal-kapaċità deskritti fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030, f’konformità mal-Konklużjonijiet tal-***

Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2025; jaqbel dwar ir-rwoli tan-nazzjonijiet gwida u kogwidi u li tinbeda l-implimentazzjoni ta' proġetti li jindirizzaw il-lakuni kritiċi fil-kapaċità deskritti fil-White Paper għall-Prontezza tad-Difiża 2030 u l-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030;

Or. en

Emenda 67
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, b'mod partikolari quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża; ***jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-EDTIB biex jiġu ffaċċjati sfidi bħal dawn;***

Or. en

Emenda 68
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, ***b'mod partikolari*** quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;	2. Jinnota li, minkejja ż-żieda fl-isforzi ta' difiża, l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom qed jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fil-kapaċitajiet kollettivi strateġiċi, fl-istrutturi ta' kmand u kontroll, u fil-kapaċità militari sostenibbli; jissottolinja li dawn il-lakuni jillimitaw b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsostnu impenn ta' difiża fit-tul fuq skala kbira, ***inkluż*** quddiem l-atti ta' gwerra ibrida; jappella għal miżuri urġenti biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet kritiċi fil-kapaċità permezz ta' kooperazzjoni msaħħa, ippjanar koordinat, u investimenti mmirati biex tiġi żgurata l-prontezza tad-difiża;

Or. en

Emenda 69
Marion Maréchal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li biex jimtlew il-lakuni fil-kapaċità jeħtieġ li ***jiġu żviluppati Abilitanti Strateġiċi awtonomi li mingħajrhom il-forzi armati tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu jwettqu b'mod effettiv operazzjonijiet*** militari ***konġunti***; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' arkitettura komuni sikura u sigura għall-kmand, il-kontroll, il-komunikazzjoni, l-intelligence, is-sorveljanza, l-akkwiżizzjoni ta' bersalli u r-rikonjizzjoni, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' difiża komuni fl-oqsma tal-ispazju, it-trasport bl-ajru strateġiku, ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru u l-prevenzjoni tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN); ifaħħar il-	3. Jisħaq li biex jimtlew il-lakuni fil-kapaċità jeħtieġ li ***tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, filwaqt li tiġi rrispettata bis-sħiħ is-sovranità ta' kull Stat Membru meta jiddefinixxi l-prijoritajiet*** militari ***u industrijali tiegħu***; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' arkitettura komuni sikura u sigura għall-kmand, il-kontroll, il-komunikazzjoni, l-intelligence, is-sorveljanza, l-akkwiżizzjoni ta' bersalli u r-rikonjizzjoni, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' difiża komuni fl-oqsma tal-ispazju, it-trasport bl-ajru strateġiku, ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru u l-prevenzjoni tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari

ħidma tal-EDA, li tipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi tax-xenarju tad-difiża tal-UE u toffri rakkomandazzjonijiet dwar opportunitajiet għall-kollaborazzjoni dwar l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet permezz tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD);

(CBRN); ifaħħar il-ħidma tal-EDA, li tipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi tax-xenarju tad-difiża tal-UE u toffri rakkomandazzjonijiet dwar opportunitajiet għall-kollaborazzjoni dwar l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet permezz tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD);

Or. fr

Emenda 70
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li biex jimtlew il-lakuni fil-kapaċità jeħtieġ li jiġu żviluppati Abilitanti ***Strateġiċi awtonomi*** li mingħajrhom il-forzi armati tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu ***jwettqu b'mod effettiv operazzjonijiet militari*** konġunti; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' arkitettura ***komuni*** sikura u sigura ***għall-kmand***, il-kontroll, il-komunikazzjoni, l-intelligence, is-sorveljanza, l-akkwiżizzjoni ta' bersalli u r-rikonjizzjoni, kif ukoll il-kapaċitajiet ***ta' difiża komuni*** fl-oqsma tal-ispazju, it-trasport bl-ajru strateġiku, ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru u l-prevenzjoni tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN); ***ifaħħar il-ħidma*** tal-EDA, li tipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi tax-xenarju tad-difiża tal-UE u toffri rakkomandazzjonijiet dwar opportunitajiet għall-kollaborazzjoni dwar l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet permezz tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD);	3. Jisħaq li biex jimtlew il-lakuni fil-kapaċità jeħtieġ li jiġu żviluppati abilitanti ***industrijali u teknoloġiċi ewlenin*** li mingħajrhom il-forzi armati tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu ***jiżguraw interoperabbiltà effettiva f'operazzjonijiet*** konġunti; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' arkitettura sikura u sigura ***biex ittejjeb il-kmand***, il-kontroll, il-komunikazzjoni, l-intelligence, is-sorveljanza, l-akkwiżizzjoni ta' bersalli u r-rikonjizzjoni, kif ukoll il-kapaċitajiet fl-oqsma tal-ispazju, it-trasport bl-ajru strateġiku, ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru u l-prevenzjoni tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN); ***jissottolinja li dawn l-isforzi għandu jkollhom l-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni industrijali, l-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà fl-oqfsa tan-NATO, li huma standards rikonoxxuti b'mod wiesa' li jiżguraw il-kosteffiċjenza, il-koerenza tas-suq u l-evitar ta' duplikazzjoni bla bżonn, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-effiċjenza ġenerali tas-suq intern tal-UE; jinnota l-ħidma*** tal-EDA, li tipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi

tax-xenarju tad-difiża tal-UE u toffri rakkomandazzjonijiet dwar opportunitajiet għall-kollaborazzjoni ***volontarja*** dwar l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet permezz tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD)***, filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-korpi u l-aġenziji rilevanti tan-NATO sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet tagħha jibqgħu komplementari għall-proċessi tan-NATO u ma jwasslux għal duplikazzjoni bla bżonn***;

Or. en

Emenda 71
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li biex jimtlew il-lakuni fil-kapaċità jeħtieġ li jiġu żviluppati Abilitanti Strateġiċi awtonomi li ***mingħajrhom il-forzi*** armati tal-Istati Membri ***ma jkunux jistgħu*** jwettqu b'mod effettiv operazzjonijiet militari konġunti; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' arkitettura komuni sikura ***u*** sigura għall-kmand, il-kontroll, il-komunikazzjoni, l-intelligence, is-sorveljanza, l-akkwiżizzjoni ta' bersalli u r-rikonjizzjoni, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' difiża komuni fl-oqsma tal-ispazju, it-trasport bl-ajru strateġiku, ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru u l-prevenzjoni tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN); ifaħħar il-ħidma tal-EDA, li tipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi tax-xenarju tad-difiża tal-UE u toffri rakkomandazzjonijiet dwar opportunitajiet għall-kollaborazzjoni dwar l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet permezz tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet	3. Jisħaq li biex jimtlew il-lakuni fil-kapaċità jeħtieġ li jiġu żviluppati Abilitanti Strateġiċi awtonomi li ***jgħinu lill-forzi*** armati tal-Istati Membri jwettqu b'mod effettiv operazzjonijiet militari konġunti***; jissottolinja li dawn il-faċilitaturi għandhom jitfasslu biex jikkomplementaw u jsaħħu l-istrutturi u l-kapaċitajiet tan-NATO, aktar milli jikkompetu magħhom jew jidduplikawhom, u jridu jirrispettaw bis-shiħ il-kompetenzi nazzjonali u l-awtorità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' difiża***; jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' arkitettura komuni sikura***,*** sigura ***u interoperabbli*** għall-kmand, il-kontroll, il-komunikazzjoni, l-intelligence, is-sorveljanza, l-akkwiżizzjoni ta' bersalli u r-rikonjizzjoni, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' difiża komuni fl-oqsma tal-ispazju, it-trasport bl-ajru strateġiku, ir-riforniment ta' fjuwil fl-ajru u l-prevenzjoni tar-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari

(CDP) u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD);	(CBRN); ifaħħar il-ħidma tal-EDA, li tipprovdi ħarsa ġenerali u analiżi tax-xenarju tad-difiża tal-UE u toffri rakkomandazzjonijiet dwar opportunitajiet għall-kollaborazzjoni dwar l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet permezz tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD);
	Or. en

Emenda 72
Pekka Toveri, Riho Terras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Or. es

Emenda 104
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi	5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi

għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti;

għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti; ***jissottolinja li inizjattivi bħal dawn iridu jkunu mmexxija mill-Istati Membri, ikkoordinati fil-livell tal-UE għall-koerenza, u mfassla biex jibqgħu interoperabbli mal-istandards u l-istrutturi ta' kmand tan-NATO;***

Or. en

Emenda 105
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull	5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull

wieħed minn dawn il-proġetti;	wieħed minn dawn il-proġetti***, inklużi stadji importanti li jistgħu jitkejlu, indikaturi tal-prestazzjoni (KPIs), u mekkaniżmi ta' governanza trasparenti biex jiġu żgurati l-obbligu ta' rendikont, l-interoperabbiltà mal-objettivi ta' kapaċità tan-NATO, u l-parteċipazzjoni industrijali fl-Istati Membri kollha***;
	Or. en

Emenda 106
Eszter Lakos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti;	5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti; ***jirrakkomanda, b'mod partikolari, li tingħata importanza adegwata lil dawk it-teknoloġiji u l-kapaċitajiet li huma essenzjali għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu, speċjalment f'pajjiżi aktar esposti bħal dawk fin-naħa tal-Lvant tal-Unjoni; jenfasizza li l-erba' proġetti ewlenin approvati mill-Kunsill Ewropew huma ta' natura trażversali u jikkontribwixxu għall-interessi tas-sigurtà tal-ispettru sħiħ***

tal-Unjoni anke f'oqsma li jmorru lil hinn mill-qasam purament tad-difiża, bħall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna;

Or. en

Emenda 107
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti;	5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti; ***jisħaq ukoll li filwaqt li t-tisħiħ tan-naħa tal-Lvant jibqa' essenzjali, l-Unjoni għandha tiżgura wkoll investiment ibbilanċjat fil-kapaċitajiet li jsaħħu r-rwol tas-sigurtà globali tagħha u l-kapaċità tagħha li taġixxi u tipproġetta l-istabbiltà lil hinn mill-fruntieri tagħha, f'konformità mal-objettiv tal-Boxxla Strateġika li tippermetti lill-UE tkun attur tas-sigurtà globali;***

Or. en

Emenda 108
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti;	5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li jiżviluppaw erba' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta' kapaċitajiet ta' difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b'mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta' kull wieħed minn dawn il-proġetti; ***jissottolinja li l-kontribut u l-involviment tal-Ukrajna f'dawn il-proġetti huma kruċjali għall-prontezza tad-difiża reali tagħhom, speċjalment f'oqsma fejn l-Ukrajna għandha għarfien espert prattiku u tal-industrija, bħad-droni;***

Or. en

Emenda 109
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li	5. Jirrikonoxxi l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża u l-impenn tal-Istati Membri li

jiżviluppaw erba’ Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta’ kapaċitajiet ta’ difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b’mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta’ żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta’ kull wieħed minn dawn il-proġetti;	jiżviluppaw erba’ Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea inizjali – l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant ***(Tarka tal-Lvant)***, it-Tarka tad-Difiża tal-Ajru u t-Tarka Spazjali tad-Difiża; jinnota li dawn il-proġetti ewlenin proposti jkopru firxa wiesgħa ħafna ta’ kapaċitajiet ta’ difiża; Iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-EDA jidentifikaw b’mod ċar l-objettivi speċifiċi u l-iskeda ta’ żmien għall-implimentazzjoni, l-ambitu teknoloġiku u d-daqs mistenni ta’ kull wieħed minn dawn il-proġetti;
	Or. en

Emenda 110
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jenfasizza li inizjattivi bħal dawn iridu jitfasslu biex itejbu l-interoperabbiltà u l-komplementarjetà mal-kapaċitajiet tan-NATO, b’mod partikolari fid-deterrenza u d-difiża kollettiva tul in-naħa tal-Lvant, filwaqt li jsaħħu l-kapaċità tal-UE li taġixxi b’mod awtonomu meta jkun meħtieġ;
	Or. en

Emenda 111
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jilqa’ l-approċċ tal-Inizjattiva

Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni bħala sistema b'diversi livelli u teknoloġikament avvanzata b'kapaċitajiet interoperabbli kontra d-droni għad-detezzjoni, it-traċċar u n-newtralizzazzjoni, kif ukoll kapaċitajiet biex jintlaħqu l-miri fuq l-art billi tiġi sfruttata t-teknoloġija tad-droni għal attakki ta' preċiżjoni; jirrikonoxxi li l-kapaċità kontra d-droni għandha tkun kompletament interoperabbli u konnessa fost l-Istati Membri li jipprovdu għarfien tas-sitwazzjoni Ewropea u l-kapaċità li jaġixxu flimkien u jiżguraw l-infrastruttura kritika flimkien man-NATO;

Or. en

Emenda 112
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5c. Jirrikonoxxi l-isfidi prattiċi biex tinkiseb sistema ta' difiża kontra d-droni funzjonali fl-ambitu tal-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni u jappella għalhekk għall-implimentazzjoni ta' proġetti pilota li jinvolvu għadd iżgħar ta' Stati Membri bħala pass inizjali, li jwassal għal approċċ ta' 360 grad ladarba s-sistemi jkunu operattivi u effettivi biżżejjed biex jintużaw b'mod aktar wiesa';

Or. en

Emenda 113
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 5d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5d. Jilqa' l-approċċ tal-Għassa tan-Naħa tal-Lvant li jintegra l-erba' elementi tad-difiża bbażata fuq l-art, l-għarfien tas-sitwazzjoni, id-difiża tal-ajru u s-sistemi kontra d-droni, u s-sigurtà marittima (fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar l-Iswed) sabiex tinbena l-kapaċità tal-Istati Membri fil-fruntiera tal-Lvant biex jiffaċċjaw firxa wiesgħa ta' theddid, inklużi wkoll operazzjonijiet ibridi, il-flotta mistura tar-Russja u r-riskju ta' aggressjoni armata; jilqa' l-għan propost tagħha li tistabbilixxi kapaċità komprensiva ta' difiża tal-fruntieri Ewropej b'sistemi ta' sorveljanza f'diversi oqsma, kapaċitajiet tad-droni u ta' kontra d-droni, kapaċitajiet ta' gwerra elettronika, sistemi ta' attakk bi preċiżjoni, u koordinazzjoni operazzjonali reattiva; jenfasizza li l-Intelligence, is-Sorveljanza u r-Rikonjizzjoni huma funzjoni militari u ta' difiża kruċjali għall-ġbir ta' informazzjoni dwar theddid potenzjali u għat-titjib tal-għarfien tas-sitwazzjoni; jilqa' l-għan li jissaħħu l-fruntieri tal-Lvant tal-UE bl-art, l-ajru u l-baħar, filwaqt li jingħata kontribut għas-sigurtà tal-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 114
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5e. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kunċett operazzjonali u governanza ċara biex jiġi ddeterminat min jagħmel xiex, speċjalment f'każijiet b'implikazzjonijiet transfruntiera, pereżempju meta dron

ostili jtir minn Stat Membru għal ieħor;

Or. en

Emenda 115
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-almu tagħhom biex isegwu l-iskeda ta' żmien biex jintlaħqu l-istadji importanti għall-proġetti ewlenin kif deskritt fil-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030;

Or. en

Emenda 116
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali***, inkluż Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE***; jissottolinja li ***d-definizzjoni ta'*** proġetti ***ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva*** fost l-Istati Membri***, jinġabru*** flimkien ***ir-riżorsi*** biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet ***u nimxu lejn***	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali ***li jtejbu l-innovazzjoni teknoloġika, il-kompetittività u l-interoperabbiltà***; jissottolinja li proġetti ***bħal dawn għandu jkollhom l-għan li jiffaċilitaw kooperazzjoni prattika*** fost l-Istati Membri ***u fl-industrija***, ***jippromwovu l-ġbir*** flimkien ***tar-riżorsi*** biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet***, iżda limitati għal oqsma fejn l-isforzi konġunti huma fattibbli u jżidu valur ċar, u jsaħħu l-bażi***

Unjoni Ewropea ***tad-Difiża ġenwina***;	***industrijali u teknoloġika tad-difiża*** Ewropea ***(EDTIB), filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali fis-sigurtà u d-difiża, u jżommu l-kompatibbiltà mal-oqfsa tan-NATO***;

Or. en

Emenda 117
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi ***pan-Ewropej*** fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi ***fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP*** li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali ***tal-UE***; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri**,** jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet ***u nimxu lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina***;	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi ***Ewropej*** fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali ***tal-Istati Membri***; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri ***u*** jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet;

Or. es

Emenda 118
Marion Maréchal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi

stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u ***nimxu lejn*** Unjoni Ewropea tad-Difiża ***ġenwina***;	stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u ***tiġi promossa kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri, mingħajr ma jiġi mmirat il-ħolqien ta'*** Unjoni Ewropea tad-Difiża***, li tmur lil hinn mill-kompetenzi previsti mit-Trattati***;
	Or. fr

Emenda 119
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn Unjoni Ewropea	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira***, minn kemm jista' jkun Stati Membri,*** fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża***, tal-infrastruttura tad-difiża diġitali*** u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi

tad-Difiża ġenwina;	biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina;

Or. en

Emenda 120
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn ***Unjoni*** Ewropea tad-Difiża ***ġenwina***;	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn ***industrija*** Ewropea tad-Difiża ***kompetittiva u awtonomija strateġika***;

Or. en

Emenda 121
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod

wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn ***Unjoni*** Ewropea tad-Difiża ġenwina;	wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn ***kooperazzjoni*** Ewropea tad-Difiża ġenwina;

Or. en

Emenda 122
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina;	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, ***u alleati mill-qrib bħall-Ukrajna, in-Norveġja u r-Renju Unit,*** jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina;

Or. en

Emenda 123
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina;	6. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni maqbula b'mod wiesa' ta' "proġetti ewlenin" bħala inizjattivi kollaborattivi pan-Ewropej fuq skala kbira fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u dak tal-iżvilupp industrijali, inklużi Abilitanti Strateġiċi fi ħdan qafas komuni bħall-EDIP li jippermettu l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom b'mod koerenti fil-politiki tad-difiża u industrijali tal-UE; jissottolinja li d-definizzjoni ta' proġetti ewlenin hija kruċjali biex tiġi żgurata kollaborazzjoni effettiva fost l-Istati Membri, jinġabru flimkien ir-riżorsi biex jiġu indirizzati l-lakuni kritiċi fil-kapaċitajiet u nimxu lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina***, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-kompetenzi tal-Istati Membri fl-ippjanar tad-difiża u tiġi żgurata l-konsistenza mal-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO (NDPP)***;

Or. en

Emenda 124
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi stabbilita definizzjoni ċara ta' "interess komuni" għal dawn il-proġetti; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi ddeterminat jekk ir-regoli ta' finanzjament humiex se jistabbilixxu

għadd minimu jew massimu ta' Stati Membri meħtieġa għall-parteċipazzjoni; jinnota r-rwol potenzjali u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-gvernijiet nazzjonali u reġjonali;

Or. en

Emenda 125
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza l-effett pożittiv li l-proġetti ewlenin jista' jkollhom fuq l-interoperabbiltà, l-interkambjabbiltà, it-tnaqqis tal-varjetà ta' prodotti differenti tad-difiża li jindirizzaw ħtiġijiet operazzjonali simili madwar l-Unjoni, it-tnaqqis tal-frammentazzjoni tas-suq, u l-kompetizzjoni fis-suq Ewropew tad-difiża; jenfasizza li l-akkwist fil-kuntest ta' proġetti ewlenin għandu jsir b'mod konġunt mill-Istati Membri parteċipanti u li l-proġetti ewlenin għandhom jikkontribwixxu għall-għan li sa tmiem l-2027, 40 % tal-akkwist fil-qasam tad-difiża jiġi organizzati bħala akkwist komuni; jenfasizza r-rwol tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-ingranaġġ ta' proġetti ewlenin għal dan l-għan;

Or. en

Emenda 126
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jirrikonoxxi li diversi kumpaniji Ewropej tad-difiża diġà involvew ruħhom maż-żmien fi proġetti kollaborattivi tranżnazzjonali kbar f'diversi oqsma relatati mad-dimensjoni tas-sigurtà; jenfasizza li dawn l-istudji tal-każijiet jistgħu jservu bħala eżempji għat-tfassil, il-governanza u l-finanzjament ta' proġetti Ewropej futuri ta' interess komuni;

Or. en

Emenda 127
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jirrakkomanda l-inklużjoni ta' pajjiżi terzi tal-istess fehma, inklużi dawk li mhumiex Membri tan-NATO, li jistgħu jikkondividu interessi strateġiċi mal-UE fit-tfassil, l-arkitettura u l-governanza tal-EDPCIs futuri; jirrikonoxxi l-importanza ta' sħubijiet ta' sigurtà eżistenti u futuri fil-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà;

Or. en

Emenda 128
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Il-bini ta' ġabra pubblika ta' teknoloġiji diġitali għas-sovranità tad-data

Or. en

Emenda 129
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Iqis li s-sovranità diġitali, il-governanza tad-data pubblika u r-reżiljenza ċibernetika huma prijoritajiet għal kwistjonijiet ta' sigurtà;

Or. en

Emenda 130
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jinnota li l-kumpaniji privati tat-Teknoloġija Kbira jinsabu prinċipalment fl-Istati Uniti; iżid jgħid li d-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti stess ittrasferixxa l-awtonomija operazzjonali tiegħu lil pjattaforma proprjetà ta' Palantir, kumpanija privata, u li issa Palantir tmexxi s-sistema operattiva prestabbilita tal-Gvern tal-Istati Uniti; iqis li dan huwa perkors perikoluż ħafna għas-sovranità diġitali u jinsisti li l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li taqbad perkors differenti biex tibqa' fil-kontroll tad-data tagħha stess;

Or. en

Emenda 131

Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Jemmen bis-shiħ li l-istabbiliment ta' ġabra pubblika ta' teknoloġiji diġitali jipprevjeni l-privatizzazzjoni tal-profitti u tad-data minn kumpaniji privati tat-teknoloġija;

Or. en

Emenda 132
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6e. Jisħaq li fil-proċess tal-iżvilupp ta' din il-ġabra diġitali pubblika, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiksbu drittijiet ta' proprjetà intellettwali (PI) għat-teknoloġiji li jgħinu jiżviluppaw;

Or. en

Emenda 133
Marc Botenga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jinsisti li l-proġetti ewlenin iridu jinkludu l-iżvilupp ta' ġabra pubblika ta' teknoloġiji diġitali, li tagħti prijorità lil metodi b'sors miftuħ; iżid jgħid li dawn il-proġetti jridu jiżguraw is-sjieda pubblika tad-data, u jiggarantixxu sorveljanza

sħiħa mill-istituzzjonijiet pubbliċi u demokratiċi, b'mod partikolari għal data sensibbli bħal dik militari;

Or. en

Emenda 134
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati ***mhux biss*** mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża ***iżda wkoll mal-istrateġiji tad-difiża nazzjonali, filwaqt li jinżammu t-tmexxija u l-awtorità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti; jenfasizza l-importanza li jitfasslu proġetti f'sinerġija mal-proċessi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet tan-NATO biex jissaħħu l-interoperabbiltà u t-tisħiħ reċiproku***; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;

Or. en

Emenda 135
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati ***mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam*** tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data ***tal-intelligence***, ***jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni***;	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati ***mal-objettivi u l-prijoritajiet ta' kapaċità*** tad-difiża ***miftiehma fin-NATO u mill-Istati Membri***; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li ***jsaħħu l-interoperabbiltà u*** jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet ***siguri*** tad-data, ***u jippruvdu soluzzjonijiet effettivi kontra d-droni; jissottolinja li dawn l-isforzi għandhom ikunu kompletament kompatibbli mal-istandards tan-NATO***;

Or. en

Emenda 136
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża ***u mal-kapaċitajiet tan-NATO***; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-

u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;

operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni; ***jissottolinja b'mod partikolari li r-reżiljenza ċibernetika għandha tkun objettiv trażversali fil-proġetti ewlenin kollha, filwaqt li jiġu żgurati infrastrutturi diġitali siguri, il-protezzjoni tas-sistemi ta' kmand u kontroll, u l-integrità tal-flussi tad-data fl-oqsma operazzjonali kollha, f'konformità mal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża u l-prijoritajiet tal-Boxxla Strateġika;***

Or. en

Emenda 137
Alexandr Vondra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE ***u tan-NATO*** fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;

Or. en

Emenda 138
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi ***u*** l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari ***f'diversi oqsma***, it-truppi***,*** l-armi ***u s-sistemi awtonomi*** jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;

Or. en

Emenda 139
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem

akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;	akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni; ***jenfasizza l-importanza ta' teknoloġiji b'użu doppju, u l-użu etiku u responsabbli tas-sistemi tal-IA f'konformità sħiħa mad-dritt umanitarju internazzjonali;***
	Or. en

Emenda 140
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, ***l-IA tiġi integrata b'mod aktar b'saħħtu (bħal fil-qasam tal-UGVs),*** jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni; ***jirrimarka li, għal dan il-għan, għandhom jiġu ttestjati alternattivi kreattivi u kosteffettivi, bħal fil-qasam tal-manifattura addittiva;***
	Or. de

Emenda 141
Marion Maréchal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni; ***jissottolinja wkoll il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata u t-teknoloġija sensittiva, billi jiġi żgurat li l-kooperazzjoni Ewropea ma twassalx għat-trasferiment tas-sovranità jew għal dipendenza teknoloġika akbar minn atturi esterni;***

Or. fr

Emenda 142
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi

għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;

għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati inizjattivi ewlenin fil-qasam taċ-ċiberdifiża u r-reżiljenza diġitali, li jibnu fuq l-għarfien espert tal-Istati Membri tal-UE, biex tiġi żgurata preparatezza kollettiva kontra t-theddid ibridu u ċibernetiku;***

Or. en

Emenda 143
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni;	7. Jenfasizza li l-objettivi tal-proġetti ewlenin iridu jiġu allinjati mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; jenfasizza, ukoll, li dawn għandhom jindirizzaw oqsma teknoloġiċi innovattivi għad-difiża u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża mill-aktar avvanzati li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-gwerra moderna, inkluża l-ħtieġa dejjem akbar li l-operazzjonijiet militari, it-truppi u l-armi jkunu konnessi f'network, tiġi żgurata ċ-ċiberdifiża, jiġu żviluppati l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-għodod ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet tad-data tal-intelligence, jiġu operati attakki profondi u preċiżi u attakki kontra d-droni; ***jissottolinja li l-proġetti ewlenin għandhom fl-aħħar mill-aħħar jintużaw***

ukoll biex isaħħu l-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-EDTIB;

Or. en

Emenda 144
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-proġetti ewlenin għandhom iqisu r-rekwiżiti speċifiċi ta' difiża u deterrenza tan-naħa tal-Lvant tal-UE; jissottolinja li proġetti bħall-Għassa tan-Naħa tal-Lvant għandhom jinkludu miżuri biex jissaħħu r-reżiljenza avvanzata, l-infrastruttura ta' sorveljanza u ta' tisħiħ, u l-kapaċitajiet ibridi u taċ-ċiberdifiża f'koordinazzjoni mill-qrib mal-istrutturi tan-NATO; jappella għall-interoperabbiltà reġjonali, b'mod partikolari fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, biex tiġi żgurata prontezza operazzjonali shiha f'każ ta' kriżi;

Or. en

Emenda 145
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar li l-proġetti ewlenin li għandhom l-għan li jipproteġu l-infrastrutturi kritiċi għandhom jingħataw prijorità meta jiġu ppjanati l-inizjattivi futuri; jissottolinja li t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi jrid jiffoka fuq l-

iżgurar tas-sopravivenza u l-funzjonalità kontinwa tas-servizzi essenzjali li huma vitali għas-sigurtà, l-istabbiltà tas-soċjetà u l-prontezza militari tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 146
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza l-importanza li l-proġetti ewlenin tad-difiża jiġu integrati mal-infrastruttura strateġika tat-trasport u tal-loġistika, bħall-kurituri tal-mobbiltà militari transfruntiera u l-infrastruttura b'użu doppju fl-Ewropa tal-Lvant u tax-Xlokk, li huma kritiċi għall-iskjerament rapidu u r-reżiljenza tul in-Naħa tal-Lvant;

Or. en

Emenda 147
Elena Donazzan, Alberico Gambino

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza li l-ispazju huwa qasam strateġiku dejjem aktar militarizzat u jirrappreżenta prijorità strateġika għall-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' proġetti ewlenin li jkopru dan il-qasam, anke bħala mezz li minnu jiddependu diversi attivitajiet relatati mas-sigurtà (bħal komunikazzjonijiet siguri u ġbir ta' intelligence);

Or. en

Emenda 148
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-problema ta' ċikli tal-innovazzjoni bil-mod fl-UE, peress li ninsabu f'kompetizzjoni ta' teknoloġiji f'oqsma teknoloġiċi li jinbidlu malajr bħad-droni, fejn iterazzjonijiet ġodda joħorġu b'mod kostanti wara perjodi qosra ħafna, spiss wara ftit ġimgħat; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jkun hemm rabta bejn ir-R&Ż u l-produzzjoni biex jiġi żgurat żvilupp teknoloġiku kontinwu; jilqa' b'sodisfazzjon l-Alleanza għad-Droni proposta mal-Ukrajna sabiex jiġu integrati l-għarfien espert u l-għarfien prattiku tagħhom miksuba fil-kamp tal-battalja;

Or. en

Emenda 149
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib ***fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE***, li juru l-aħjar prattiki lejn ***strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea***; jenfasizza***, ukoll,*** li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib ***fost l-Istati Membri tal-UE***, li juru l-aħjar prattiki lejn ***kapaċitajiet ta' difiża aktar effiċjenti u interoperabbli***; jenfasizza li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni

tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-“atturi programmatiċi” tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;

kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-“atturi programmatiċi” tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;

Or. en

Emenda 150
Alexandr Vondra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-“atturi programmatiċi” tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE ***u tan-NATO***, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-“atturi programmatiċi” tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;

Or. en

Emenda 151
Rasa Juknevičienė

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri ***l-gvernijiet***, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri ***l-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet***, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;

Or. en

Emenda 152
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-

gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha; ***il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni ma għandhomx jassumu funzjonijiet eżekuttivi jew superviżorji diretti fit-tfassil jew l-implimentazzjoni ta' proġetti, li għandhom jiġu rregolati minn ftehimiet bejn l-Istati Membri;***
	Or. es

Emenda 153
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura allinjament kunċettwali u proċedurali sħiħ bejn id-definizzjonijiet u l-oqfsa ta' implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin, l-EDPCIs, il-Fond Ewropew għad-Difiża***

(EDF) u l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP), sabiex dawn l-istrumenti joperaw b'mod koerenti u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku fl-arkitettura tad-difiża tal-UE;

Or. en

Emenda 154
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha ***iżda jqis li huwa meħtieġ li tintuża l-kapaċità tal-produzzjoni ta' għadd akbar ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej involuti fl-industrija tad-difiża***;

Or. en

Emenda 155
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha; ***jappella wkoll għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi trasparenti ta' sorveljanza baġitarja biex jiġi żgurat li l-proġetti ewlenin iwasslu għal eżiti tal-kapaċità li jistgħu jitkejlu mingħajr żieda eċċessiva fil-kostijiet, u li l-finanzjament tagħhom jibqa' konsistenti mal-objettivi ta' stabbiltà makroekonomika tal-UE;***

Or. en

Emenda 156
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-

difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;

difiża Ewropea***, abbażi ta' għarfien mill-Ukrajna dwar kif il-gwerra moderna tiffunzjona fir-realtà***; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;

Or. en

Emenda 157
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha; ***jirrikonoxxi li b'mod partikolari l-gwerra Russa fl-Ukrajna tippermetti l-possibbiltà ta' bosta tagħlimiet meħuda li jappoġġjaw***

ukoll l-iżvilupp tal-EDPCI;

Or. en

Emenda 158
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;	8. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kooperazzjoni u l-innovazzjoni aktar mill-qrib fil-mekkaniżmi tal-governanza fil-livell tal-UE, li juru l-aħjar prattiki lejn strateġija komuni u kkoordinata għad-difiża Ewropea; jenfasizza, ukoll, li l-governanza tajba tal-proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq viżjoni kondiviża u koordinazzjoni effettiva fost l-"atturi programmatiċi" tagħhom, jiġifieri l-gvernijiet, il-kwartieri ġenerali militari u l-aġenziji tal-akkwist pubbliku tal-Istati Membri tal-UE u l-kumpaniji industrijali tad-difiża***, u fuq konsultazzjoni mal-Parlamenti Ewropej u mal-parlamenti nazzjonali***; iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jibbenefikaw mill-kooperazzjoni eżistenti fil-qafas tal-proġetti tal-PESCO u tal-Fond Ewropew għad-Difiża u jibnu fuqha;

Or. en

Emenda 159
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI	9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI

bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; ***jirrikonoxxi li*** proġetti ewlenin ***jistgħu*** jiġu żviluppati fil-qafas ***tiegħu***;	bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; ***jissottolinja, madankollu, li filwaqt li ċerti*** proġetti ewlenin ***jew il-komponenti tagħhom jistgħu*** jiġu żviluppati fil-qafas ***tal-EDIP, ma hemm l-ebda obbligu għalihom kollha li jagħmlu dan, u lanqas ma għandu jiġi preżunt li r-regoli tal-EDIP se japplikaw awtomatikament għall-inizjattiva ewlenija kollha jew ikomplu jirregolaw l-implimentazzjoni tagħhom wara l-konklużjoni tal-EDIP, peress li dawn huma proġetti strateġiċi fuq skala kbira li jirrikjedu flessibbiltà akbar***; ***jisħaq li dawn il-proġetti għandhom jippermettu parteċipazzjoni wiesgħa, irawmu l-innovazzjoni u l-interoperabbiltà, u jibqgħu kompletament komplementari mal-ippjanar tal-kapaċitajiet tan-NATO kif stabbilit fil-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi - Nippreparaw id-Difiża;***
	Or. en

Emenda 160
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; jirrikonoxxi li proġetti ewlenin ***jistgħu*** jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu;	9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; jirrikonoxxi li proġetti ewlenin ***għandhom*** jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu; ***jisħaq li, lil hinn mill-fażijiet ta' żvilupp u produzzjoni tagħhom, il-proġetti ewlenin għandhom jiżguraw ukoll l-istabbiliment ta' oqfsa komuni għall-operat, il-manutenzjoni u l-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom fil-livell tal-Unjoni; jinnota li, skont il-ftehim proviżorju dwar l-EDIP, l-EDPCIs jistgħu jiġu żviluppati fil-kuntest tal-Istrutturi għall-Programmi Ewropej dwar l-Armamenti (SEAPs), li jaqdu dan l-għan,***

u jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw proġetti ewlenin permezz tal-istrutturi pprovduti fl-EDIP, u b'hekk iżidu l-koerenza fil-politika tad-difiża tal-UE;

Or. en

Emenda 161
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; jirrikonoxxi li proġetti ewlenin jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu;	9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; jirrikonoxxi li proġetti ewlenin jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu; ***jisħaq, madankollu, li l-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar l-allinjament bejn il-proġetti ewlenin u l-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs), filwaqt li tiżgura koerenza kunċettwali u operazzjonali u tevita duplikazzjonijiet jew frammentazzjoni bejn iż-żewġ oqfsa; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiċċara kif l-EDPCIs għandhom jiġu strutturati u kkombinati fil-prattika biex jiffurmaw proġett ewlieni, inklużi l-mekkaniżmi meħtieġa ta' governanza, sekwenzjar u koordinazzjoni;***

Or. en

Emenda 162
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP;	9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP;

jirrikonoxxi li proġetti ewlenin jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu;	jirrikonoxxi li proġetti ewlenin jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu; ***jisħaq li l-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCI) għandhom jiżguraw kriterji trasparenti għall-għażla tal-proġetti, jevitaw trikkib burokratiku ma' strumenti eżistenti bħall-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), u jagħtu prijorità lil proġetti li jsaħħu l-interoperabbiltà, ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista u l-istandardizzazzjoni trans-Atlantika;***
	Or. en

Emenda 163
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; jirrikonoxxi li proġetti ewlenin jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu;	9. Jirrikonoxxi l-ħolqien tal-EDPCI bħala għodda ġdida fl-ambitu tal-EDIP; jirrikonoxxi li proġetti ewlenin jistgħu jiġu żviluppati fil-qafas tiegħu; ***jitlob li dawn il-proġetti jingħataw prijorità speċjali u jitwettqu fit-tul fil-kuntest tal-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża ġenwina;***
	Or. en

Emenda 164
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jenfasizza li l-proġetti tal-EDPCI għandhom jitfasslu f'komplementarjetà mal-proċessi ta' ppjanar tan-NATO,

b'mod partikolari fir-rigward tad-deterrenza u d-difiża fil-Lvant, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE u tan-NATO;

Or. en

Emenda 165
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jiżguraw il-parteċipazzjoni ġeografika wiesgħa tal-Istati Membri fil-proġetti tal-EDPCI, inklużi dawk b'industriji tad-difiża emerġenti, sabiex il-pajjiżi kollha tal-UE, b'mod partikolari dawk fin-Naħa tal-Lvant, ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp teknoloġiku u l-kapaċitajiet ta' produzzjoni u jibbenefikaw minnhom;

Or. en

Emenda 166
Eszter Lakos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. ***Jissottolinja li l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin jirrappreżentaw opportunità biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-EDTIB;*** jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-

innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB; ***jafferma mill-ġdid li l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin għandha xxerred il-benefiċċji industrijali, teknoloġiċi u ekonomiċi lill-ekonomiji reġjonali u lill-Istati Membri involuti;***

Or. en

Emenda 167
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja ***żgħar*** u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB ***u jissaħħu s-sigurtà tal-provvista Ewropea***; ***jissottolinja li l-proġetti ewlenin għandhom jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' sħubijiet industrijali transfruntiera ġodda jew għat-twessigħ ta' dawk eżistenti u għall-ħolqien ta' effetti konsegwenzjali pożittivi fuq is-suq intern; jappella wkoll għall-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, bħal organizzazzjonijiet tar-riċerka, istituzzjonijiet akkademiċi, ċentri tal-innovazzjoni, u ċentri tat-teknoloġija, kif ukoll korpi tal-ittestjar u taċ-ċertifikazzjoni, sabiex jitrawmu sinerġiji aktar b'saħħithom bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp industrijali fl-ekosistema tad-difiża Ewropea;***

Or. en

Emenda 168
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB; ***jisħaq li l-proġetti ewlenin għandhom jikkontribwixxu għall-ħolqien u għall-konsolidazzjoni tal-ekosistemi industrijali tad-difiża reġjonali, filwaqt li jrawmu sinerġiji bejn kuntratturi ewlenin kbar, SMEs, ċentri ta' riċerka u awtoritajiet lokali, sabiex jiġġeneraw impjiegi b'ħiliet speċjalizzati, effetti konsegwenzjali teknoloġiċi u koeżjoni soċjali fir-reġjuni Ewropej kollha, f'konformità mal-objettivi tal-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u l-Pjan ReArm Europe;***

Or. en

Emenda 169
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju ***u start-ups mill-Istati Membri kollha***, ***filwaqt li tiġi żgurata parteċipazzjoni ġusta u miftuħa u*** biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;

Or. en

Emenda 170
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB; ***jappella għal proċeduri amministrattivi simplifikati, miżuri ddedikati ta' appoġġ għall-SMEs u integrazzjoni fil-ktajjen tal-provvista internazzjonali; iħeġġeġ il-ħolqien ta' raggruppamenti ta' innovazzjoni reġjonali li jgħaqqdu l-SMEs, iċ-ċentri ta' riċerka, u l-integraturi ewlenin tad-difiża biex jippromwovu t-trasferiment tat-teknoloġija, is-sinerġiji u l-iskalar industrijali;***

Or. en

Emenda 171
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intraprizi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB; ***jenfasizza li l-***

implimentazzjoni ta' suq uniku Ewropew għall-prodotti tad-difiża hija imperattiva u li l-ostakli regolatorji jridu jiġu minimizzati;

Or. en

Emenda 172
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB; ***jitlob l-istabbiliment ta' grupp Ewropew tal-industrija tad-difiża ta' livell għoli biex jiżgura kooperazzjoni effettiva, u djalogu u involviment aktar mill-qrib mal-industrija madwar l-Ewropa kollha;***

Or. en

Emenda 173
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, inklużi l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB; ***jappella għall-***

inklużjoni, f'dawn il-proġetti, tal-industriji ta' sħab ewlenin bħall-Ukrajna, in-Norveġja u r-Renju Unit;

Or. en

Emenda 174
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, ***inklużi l-kumpaniji*** b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;	10. Jitlob l-inklużjoni tal-aktar firxa wiesgħa ta' atturi industrijali fil-proġetti ewlenin, ***speċjalment il-kumpaniji*** b'kapitalizzazzjoni medja u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, biex hekk tkun tista' tixxerred l-innovazzjoni fl-ispettru kollu tal-EDTIB;

Or. en

Emenda 175
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Il-parteċipazzjoni tal-SMEs u tal-kumpaniji ta' daqs medju fis-settur tad-difiża, li jikkostitwixxu parti essenzjali min-nisġa industrijali Ewropea, trid titqies bħala prijorità fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti ewlenin tad-difiża Ewropej; il-mekkaniżmi ta' appoġġ u finanzjament iridu jiġu adattati għall-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, sabiex jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tishih tal-ktajjen tal-provvista nazzjonali, jiffavorixxu l-integrazzjoni ta' kumpaniji teknoloġiċi u speċjalizzati u jikkonsolidaw

l-iżvilupp industrijali u teknoloġiku lokali marbut mad-difiża;

Or. es

Emenda 176
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Ifakkar fl-importanza tal-innovazzjoni fir-riċerka, l-iżvilupp u l-industrijalizzazzjoni bħala pedament tar-reżiljenza u l-kompetittività tal-EDTIB; jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-proġetti ewlenin jintrabtu mal-infrastrutturi nazzjonali eżistenti tar-R&Ż, il-faċilitajiet, l-istituti akkademiċi u r-raggruppamenti industrijali reġjonali; jappella għal finanzjament tar-R&Ż u inċentivi għal teknoloġiji b'użu doppju, filwaqt li jiġi żgurat li l-innovazzjoni tkun ta' benefiċċju kemm għas-settur ċivili kif ukoll għal dak tad-difiża; jenfasizza li l-konsorzji reġjonali, il-kooperazzjoni bbażata fuq ir-raggruppamenti u l-parteċipazzjoni attiva tal-istituzzjonijiet tar-riċerka dwar id-difiża minn Stati Membri żgħar jistgħu jamplifikaw b'mod sinifikanti l-eżiti tar-riċerka u jsaħħu ż-żamma tal-paċi, ir-reżiljenza u s-sigurtà madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 177
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jirrikonoxxi li l-UE ma għandhiex tikkonċentra r-riżorsi kollha unikament fuq ftit inizjattivi ewlenin kbar filwaqt li l-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja jiffurmaw is-sinsla tal-innovazzjoni, l-għarfien espert speċjalizzat, u l-flessibbiltà fl-ekosistema tad-difiża;

Or. en

Emenda 178
Michał Szczerba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej u li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq tal-akkwist għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jenfasizza, għalhekk, l-ħtieġa li jissaħħaħ l-akkwist Ewropew tat-tagħmir permezz ta' enfasi fuq il-forniturи domestiċi;

Or. en

Emenda 179
Engin Eroglu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jitlob rabta aħjar bejn l-industrija, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi, ir-riċerka u l-gruppi ta' riflessjoni biex is-sejbiet mir-riċerka u l-iżvilupp jiġu integrati aħjar fi proġetti ewlenin,

pereżempju billi tiġi stabbilita skola Ewropea ta' taħriġ speċjalizzata għad-difiża u ekwivalenti Ewropew għad-DARPA, u dan jippermetti fluss bla xkiel ta' informazzjoni bejn dawn l-atturi differenti, iżid l-użu tas-sinerġiji ċivili-militari, u jippromwovi b'mod speċifiku l-innovazzjoni, ir-riċerka avvanzata, u t-teknoloġiji rivoluzzjonarji;

Or. de

Emenda 180
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Iqis li l-proġetti ewlenin jistgħu jikkontribwixxu direttament għall-ħolqien jew ir-rivitalizzazzjoni ta' raggruppamenti industrijali f'reġjuni li jispeċjalizzaw fl-industrija tad-difiża, u b'hekk isaħħu l-ktajjen tal-provvista kritiċi għall-materjali tad-difiża biex jiżguraw ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà u jestendu l-benefiċċji ta' tali kooperazzjoni għal Stati Membri oħra; iqis li l-ħolqien ta' raggruppamenti reġjonali li jinvolvu mill-inqas erba' Stati Membri għandu rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-kompetittività, l-innovazzjoni u r-reżiljenza tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jrawwem il-kooperazzjoni bejn il-fruntieri nazzjonali, it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża f'tali raggruppamenti jew sħubijiet għandhom jiġu ffaċilitati; jemmen li r-raggruppamenti reġjonali, li jinkludu faċilitajiet ta' riċerka, żvilupp u produzzjoni b'distribuzzjoni strateġika madwar l-Unjoni jistgħu jservu bħala approċċ ta' politika ġdid u modern għat-tisħiħ tal-EDTIB;

Or. en

Emenda 181
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jissottolinja l-importanza li jiġu involuti l-gvernijiet reġjonali u lokali u li jiġi żgurat li kull reġjun tal-Unjoni Ewropea jkollu l-opportunità li jibbenefika minn proġetti ewlenin tad-difiża tal-UE sabiex jiġu promossi l-koeżjoni, l-innovazzjoni u s-sjieda konġunta fi kwistjonijiet ta' difiża;

Or. en

Emenda 182
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandhom jimmiraw għal parteċipazzjoni wiesgħa tal-Istati Membri, jibqgħu miftuħa għall-Istati Membri l-ġodda biex jissieħbu, u jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni ta' membri addizzjonali maż-żmien;

Or. en

Emenda 183
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jenfasizza li l-proġetti ewlenin għandhom iwasslu benefiċċji li jestendu lil hinn mill-Istati Membri parteċipanti u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u r-reżiljenza madwar l-Unjoni kollha kemm hi;

Or. en

Emenda 184
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li l-aċċess ekwu għall-finanzjament tal-EDIP u tal-EDPCI għandu jiġi ggarantit lill-Istati Membri kollha, inkluż dawk mingħajr kuntratturi ewlenin kbar, billi tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-SMEs, l-istituti tar-riċerka, u l-iżviluppaturi tat-teknoloġija b'użu doppju mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;

Or. en

Emenda 185
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata parteċipazzjoni ġeografika

bbilanċjata fi proġetti ewlenin tad-difiża, b'mod partikolari billi tiġi promossa l-inklużjoni tal-industriji tad-difiża mill-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk; jisħaq li l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju minn dawn ir-reġjuni mhux biss issaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) iżda ttejjeb ukoll ir-reżiljenza, l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni transfruntiera fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża jfasslu mekkaniżmi speċifiċi fl-qafas tal-EDIP biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal konsorzji u strumenti ta' finanzjament;

Or. en

Emenda 186
Alexandr Vondra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza li s-sħubijiet dwar is-sigurtà u d-difiża ma' alleati, pajjiżi tal-istess fehma u pajjiżi terzi sħab ewlenin li huma ta' valur miżjud u ta' importanza kritika għas-sigurtà tal-Ewropa (b'mod partikolari l-Ukrajna) huma essenzjali għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħna, l-interoperabbiltà, l-innovazzjoni u l-prontezza industrijali għad-difiża kif ukoll biex niddiversifikaw il-provvisti ta' materja prima jew komponenti kritiċi;

Or. en

Emenda 187
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jissottolinja l-importanza strateġika tat-tisħiħ tal-EDTIB permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab li jikkondividu l-objettivi tas-sigurtà tal-UE; jappoġġja, f'dan il-kuntest, inizjattivi biex l-Ukrajna tiġi integrata fl-EDTIB u jħeġġeġ l-esplorazzjoni ta' perkorsi għall-parteċipazzjoni tagħha fi proġetti ewlenin, meta jkun fattibbli u konformi bis-sħiħ mal-istandards tal-UE dwar is-sigurtà u l-kontroll tal-esportazzjoni;

Or. en

Emenda 188
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10d. Jisħaq li l-proġetti ewlenin għandhom jinvolvu, meta jkun possibbli, lill-pajjiżi assoċjati u lill-Ukrajna u li l-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-Ukrajna kollha għandhom jingħataw opportunità ġenwina biex jipparteċipaw, skont ir-Regolament EDIP;

Or. en

Emenda 189
Michał Dworczyk, Adam Bielan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta' tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin ***biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta' liċenzji*** tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw ***mill-proġetti ewlenin***;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta' tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li jipparteċipaw fi proġetti ewlenin ***biex isaħħu l-koordinazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki rigward il-kontrolli*** tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw ***minn tali proġetti, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali tagħhom fis-sigurtà u d-difiża, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-TUE, u b'rispett sħiħ tal-Artikolu 346 tat-TFUE***;
	Or. en

Emenda 190
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta' tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta' tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin; ***il-liċenzji tal-esportazzjoni jridu jibqgħu kompetenza nazzjonali; ebda istituzzjoni tal-Unjoni ma għandha tkun tista' timponi restrizzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet obbligatorji li***

jikkompromettu l-interessi strateġiċi tal-Istati Membri;

Or. es

Emenda 191
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn ***destinazzjonijiet ta' tħassib barra mill-UE***; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn ***ir-Russja jew l-alleati tagħha***; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin;

Or. en

Emenda 192
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn

destinazzjonijiet ta’ tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar ***strateġija*** komuni għall-għoti ta’ liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin;	destinazzjonijiet ta’ tħassib barra mill-UE ***jew lejn pajjiżi taż-ŻEE-EFTA***; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar ***kundizzjonijiet*** komuni ***u restrittivi*** għall-għoti ta’ liċenzji tal-esportazzjoni ***lil pajjiżi terzi f’konformità mal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni tal-armi*** għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin;
	Or. en

Emenda 193
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b’mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b’użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta’ tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta’ liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b’mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b’użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta’ tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta’ liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin; ***jappella għall-istabbiliment ta’ mekkaniżmu koordinat ta’ kontroll tal-esportazzjoni bbażat fuq ir-riskju, allinjat mal-objettivi tal-Boxxla Strateġika tal-UE u konsistenti mal-prerogattivi nazzjonali u l-obbligi internazzjonali tal-Istati Membri, inklużi dawk fl-ambitu tan-NATO;***
	Or. en

Emenda 194
Alexandr Vondra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta' tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li t-teknoloġiji militari, b'mod partikolari t-teknoloġiji emerġenti sensittivi u l-oġġetti kritiċi b'użu doppju, speċjalment fil-qasam tal-ispazju, it-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA, jiġu pprevenuti milli jiġu ttrasferiti lejn destinazzjonijiet ta' tħassib barra mill-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fi proġetti ewlenin biex jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u li jiddefinixxu u jaqblu dwar strateġija komuni għall-għoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni għall-prodotti li jirriżultaw mill-proġetti ewlenin***, inklużi proċeduri simplifikati għal trasferimenti intra-UE ta' munizzjon u komponenti relatati biex jiġi żgurat skjerament operazzjonali rapidu***;

Or. en

Emenda 195
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu sehem fi proġetti ewlenin, jimpenjaw ruħhom li jsegwu approċċi komuni u jiddefinixxu strateġiji koordinati dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni, filwaqt li jżommu tali kompetenza fil-livell nazzjonali u jiżguraw li l-ebda istituzzjoni tal-Unjoni ma tkun tista' timponi restrizzjonijiet jew awtorizzazzjonijiet obbligatorji f'dan il-qasam;

Or. es

Emenda 196
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-operaturi ekonomiċi involuti fi proġetti ewlenin jeħtiġilhom ikollhom il-kapaċità li jiddeċiedu, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA jew minn entitajiet minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA, dwar id-definizzjoni, l-adattament u l-evoluzzjoni tad-disinn tal-prodotti finali li jirriżultaw minn proġetti ewlenin, inkluża l-awtorità legali li jissostitwixxu jew ineħħu komponenti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA jew minn entitajiet minn pajjiżi terzi għajr l-Istati taż-ŻEE-EFTA;

Or. en

Emenda 197
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11a. Jisħaq li l-għażla ta' proġetti ewlenin trid tkun ibbażata fuq proċeduri trasparenti u bbażati fuq il-mertu, filwaqt li tiġi żgurata parteċipazzjoni ġeografika bbilanċjata u tiġi pprevenuta l-konċentrazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet jew tal-benefiċċji industrijali f'għadd**

limitat ta' Stati Membri; jappella għal rapportar pubbliku regolari u skrutinju parlamentari biex jinżammu l-obbligu ta' rendikont u l-fiduċja fl-inizjattivi Ewropej tad-difiża;

Or. en

Emenda 198
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri***jippreżentaw proposti għal*** proġetti ewlenin ***li jindirizzaw*** l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża ***u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula*** tal-UE fil-qasam tad-difiża;	12. Jistieden lill-Istati Membri ***fil-qafas tal-kooperazzjoni intergovernattiva volontarja*** jkomplu ***jħeġġu*** proġetti ewlenin ***immirati lejn*** l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża***, mingħajr ma jimminaw is-sovranità nazzjonali tagħhom u f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tagħhom, filwaqt li jiggarantixxu li jsiru sforzi biex jintlaħqu l-objettivi komuni*** tal-UE ***billi jiġu rrispettati l-kompetenzi esklużivi*** fil-qasam tad-difiża;

Or. es

Emenda 199
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri ***jallinjaw aħjar l-isforzi*** nazzjonali	12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża ***f'oqsma fejn l-isforzi konġunti huma fattibbli u jżidu valur ċar*** u li

tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża;	jippermettu lill-Istati Membri ***jtejbu l-interoperabbiltà, filwaqt li jiżguraw il-komplementarjetà mal-inizjattivi*** nazzjonali ***u mal-alleati eżistenti***;

Or. en

Emenda 200
Alexandr Vondra

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża;	12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE ***u tan-NATO*** fil-qasam tad-difiża;

Or. en

Emenda 201
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża;	12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi ***u l-objettivi ta' kapaċità rilevanti*** maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża;

Or. en

Emenda 202
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża;	12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; ***jisħaq li l-proġetti ewlenin iridu jitfasslu biex jaqdu l-interess Ewropew komuni u jsaħħu l-kapaċitajiet verament Ewropej, u ma għandhomx jiġu strumentalizzati bħala għodda biex jippromwovu jew jissussidjaw l-interessi industrijali tad-difiża nazzjonali;***

Or. en

Emenda 203
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża;	12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jippreżentaw proposti għal proġetti ewlenin li jindirizzaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża u li jippermettu lill-Istati Membri jallinjaw aħjar l-isforzi nazzjonali tagħhom mal-objettivi maqbula tal-UE fil-qasam tad-difiża; ***jirrikonoxxi li t-tagħlimiet meħuda fl-Ukrajna u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet Ukreni jistgħu jappoġġjaw l-iżvilupp ta' proġetti ewlenin***

futuri;

Or. en

Emenda 204
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu klawżoli speċifiċi biex jipproteġu l-industrija tad-difiża nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri biex jevitaw il-kompetizzjoni inġusta, jagħtu prijorità lill-investiment f'kumpaniji nazzjonali u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni amministrattiva fi proġetti ta' difiża; barra minn hekk, jistgħu jagħtu wkoll prijorità strateġika lil dawk il-proġetti li l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tagħhom isiru primarjament fit-territorju tagħhom u li jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv għat-tisħiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża nazzjonali tagħhom, fil-qafas tal-objettivi komuni tal-Istati Membri tal-Unjoni u tal-awtonomija strateġika Ewropea;

Or. es

Emenda 205
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. L-Istati Membri jistgħu jadattaw il-proċeduri ta' evalwazzjoni, awtorizzazzjoni u implimentazzjoni previsti f'dan l-istrument regolatorju u

strumenti oħra tal-Unjoni relatati ma' proġetti ta' difiża, sabiex jiggarantixxu koordinazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjonijiet differenti, jevitaw id-duplikazzjonijiet u d-dewmien, u jiżguraw ġestjoni koerenti mal-prijoritajiet strateġiċi ta' kull Stat Membru;

Or. es

Emenda 206
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal struttura ta' governanza fejn l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu l-prijoritajiet u jivvalutaw il-progress, filwaqt li jiżguraw is-sjieda politika u l-allinjament mal-objettivi tad-difiża nazzjonali; jissottolinja li l-governanza tal-proġetti ewlenin teħtieġ mekkaniżmu trasparenti u strutturat li jippermetti lill-Istati Membri jiddefinixxu b'mod konġunt il-prijoritajiet strateġiċi, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni u jevalwaw l-eżiti tal-kapaċitajiet; jenfasizza li tali mekkaniżmu għandu jiżgura sjieda politika, jirrispetta l-kompetenzi nazzjonali u jiffaċilita l-koordinazzjoni mal-proċessi tal-ippjanar tan-NATO;

Or. en

Emenda 207
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12a. Jissottolinja l-importanza li l-industriji tad-difiża nazzjonali jiġu involuti fid-definizzjoni tal-prijoritajiet u l-ambitu tal-proġetti ewlenin tad-difiża kemm attwali kif ukoll futuri; jenfasizza l-ħtieġa li parti minn dan il-finanzjament tiġi ddedikata għat-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-inizjattivi għaż-żamma tat-talent;

Or. en

Emenda 208
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza li l-proposti għal proġetti għandhom iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri l-aktar f'riskju ta' materjalizzazzjoni ta' theddid militari konvenzjonali;

Or. en

Emenda 209
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jirrakkomanda*** li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u ***l-EDA jipparteċipaw fi rwol*** ta' appoġġ ***biex jiffaċilitaw*** l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin;	13. ***Jitlob*** li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u ***l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) ikollhom biss funzjonijiet tekniċi*** ta' appoġġ ***u koordinazzjoni, mingħajr il-kapaċità ta' superviżjoni diretta fuq*** l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin***, li***

jridu jiġu mfassla, ġestiti u implimentati taħt l-awtorità sħiħa tal-Istati Membri parteċipanti;

Or. es

Emenda 210
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-EDA jipparteċipaw fi rwol ta' appoġġ biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin;	13. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-EDA jipparteċipaw fi rwol ta' appoġġ ***u ta' koordinazzjoni*** biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin;

Or. en

Emenda 211
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-EDA jipparteċipaw fi rwol ta' appoġġ biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin;	13. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-EDA jipparteċipaw fi rwol ta' appoġġ biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-proġetti ewlenin; ***jissottolinja wkoll ir-rwol kritiku tal-Istat Maġġur tal-Unjoni Ewropea (EUMS) fl-għoti ta' għarfien espert operazzjonali u strateġiku-militari matul l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-valutazzjoni ta' proġetti ewlenin, u jitlob l-inklużjoni formali tiegħu fil-qafas ta' governanza ta' dawn l-inizjattivi;***

Or. en

Emenda 212
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza li r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' Inizjattivi Emblematiċi għall-Prontezza Ewropea huwa ta' faċilitazzjoni u konsultattiv, limitat għall-għoti ta' assistenza teknika, koordinazzjoni u gwida lill-Istati Membri, mingħajr ma tassumi l-ebda kompetenza operazzjonali, finanzjarja jew ta' teħid tad-deċiżjonijiet; jinnota wkoll li s-SEAE, l-EUMS u l-EDA għandhom rwol ta' appoġġ u ta' konsulenza, billi jassistu lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-Inizjattivi Emblematiċi jkunu konsistenti ma' oqsma ta' kapaċità ta' prijorità miftiehma, objettivi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet fit-tul u pjanijiet militari tan-NATO; jissottolinja li t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-finanzjament ta' proġetti ewlenin jaqgħu taħt ir-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri parteċipanti, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali tagħhom fis-sigurtà u d-difiża u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-istrutturi u l-objettivi tan-NATO, kif stabbilit fil-Pjan Direzzjonali għall-2030 Inseddqu l-Paċi – Nippreparaw id-Difiża;

Or. en

Emenda 213
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jimpenja ruħu li jeżerċita l-iskrutinju u r-rwol leġiżlattiv u baġitarju tiegħu fir-rigward tal-għażla, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin abbażi ta' informazzjoni u rapporti regolari u komprensivi mill-Kummissjoni;	***imħassar***

Or. es

Emenda 214
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jimpenja ruħu li jeżerċita l-iskrutinju u r-rwol leġiżlattiv u baġitarju tiegħu fir-rigward tal-għażla,*** l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin ***abbażi ta' informazzjoni u rapporti regolari u komprensivi mill-Kummissjoni***;	14. ***Jisħaq li l-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat regolarment dwar*** l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin ***sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prerogattivi tal-Istati Membri fis-sigurtà u d-difiża u r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità inerenti għal tali proġetti***; ***jissottolinja, f'dan ir-rigward, ir-responsabbiltajiet baġitarji tal-Parlament fir-rigward tal-użu tal-fondi tal-UE filwaqt li jirrikonoxxi l-għarfien espert tekniku limitat u l-għarfien operazzjonali tiegħu fi kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża;***

Or. en

Emenda 215
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jimpenja ruħu li jeżerċita l-iskrutinju ***u r-rwol*** leġiżlattiv u baġitarju tiegħu fir-rigward tal-għażla, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin abbażi ta' informazzjoni u rapporti regolari u komprensivi mill-Kummissjoni;	14. Jimpenja ruħu li jeżerċita l-iskrutinju ***u s-sorveljanza, kif ukoll ir-rwol*** leġiżlattiv u baġitarju tiegħu fir-rigward tal-għażla, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin abbażi ta' informazzjoni u rapporti regolari u komprensivi mill-Kummissjoni***, deċiżjonijiet baġitarji jew atti delegati minn regolamenti eżistenti jew futuri***; ***jisħaq li l-Parlament Ewropew, bħala koleġiżlatur u awtorità baġitarja, jeħtieġlu jkun involut fl-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni; jipproponi t-tisħiħ tar-rwol ta' sorveljanza u skrutinju tal-Parlament f'konformità mal-espansjoni tar-rwol tal-UE fid-difiża, inkluż permezz ta' atti delegati għall-programmi ta' ħidma tal-programmi u l-istrumenti industrijali tad-difiża attwali u futuri li jippermettu li l-implimentazzjoni tagħhom tiġi skrutinizzata, b'mod partikolari l-prijoritajiet stabbiliti mill-Kummissjoni rigward proġetti dwar kapaċitajiet ta' prijorità;***

Or. en

Emenda 216
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jimpenja ruħu li jeżerċita l-iskrutinju u r-rwol leġiżlattiv u baġitarju tiegħu fir-rigward tal-għażla, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin abbażi ta' informazzjoni u rapporti regolari u komprensivi mill-Kummissjoni;	14. Jimpenja ruħu li jeżerċita l-iskrutinju u r-rwol leġiżlattiv u baġitarju tiegħu fir-rigward tal-għażla, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin abbażi ta' informazzjoni u rapporti regolari u komprensivi mill-Kummissjoni***, inkluži indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, stadji importanti ta'***

implimentazzjoni u tagħlimiet meħuda, biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà operazzjonali;

Or. en

Emenda 217
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jissottolinja li l-Parlament Ewropew għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu ta' informazzjoni u monitoraġġ tal-baġit mingħajr ma jindaħal fil-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' difiża, u li l-għażla, l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-proġetti ewlenin iridu jkunu bbażati fuq ftehimiet intergovernattivi volontarji, li jiggarantixxu s-sovranità baġitarja u strateġika sħiħa ta' kull Stat Membru;

Or. es

Emenda 218
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tesplora modi kif ***tistabbilixxi fond speċifiku fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss*** biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra	15. ***Iheġġeġ*** lill-Kummissjoni tesplora modi kif ***tikkonsulta lill-Istati Membri*** biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-baġit tal-UE;

tal-bażit tal-UE ***iddedikati għad-difiża***;

Or. en

Emenda 219
Riho Terras, Pekka Toveri, Marta Wcisło

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tistabbilixxi ***fond speċifiku*** fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-bażit tal-UE iddedikati għad-difiża;	15. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tistabbilixxi ***finanzjament iddedikat*** fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-bażit tal-UE iddedikati għad-difiża;

Or. en

Emenda 220
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tistabbilixxi*** fond speċifiku fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-bażit tal-UE ***iddedikati għad-difiża***;	15. ***Jappella għal*** fond speċifiku fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin***, idealment fil-kuntest tal-EDPCIs***; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-bażit tal-UE;

Or. en

Emenda 221
Angelika Niebler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tistabbilixxi fond speċifiku fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-baġit tal-UE iddedikati għad-difiża;	15. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tistabbilixxi fond speċifiku fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin ***sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE, iżda wkoll biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni tal-industrija Ewropea u jiġu żgurati soluzzjonijiet kosteffettivi għall-Istati Membri***; ; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-baġit tal-UE iddedikati għad-difiża;

Or. en

Emenda 222
Alice Teodorescu Måwe

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tistabbilixxi fond speċifiku fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-baġit tal-UE iddedikati għad-difiża;	15. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi kif tistabbilixxi fond speċifiku fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss biex tiżgura l-finanzjament fit-tul tal-proġetti ewlenin; jissottolinja l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u xieraq għall-proġetti ewlenin li ma jikkompromettix il-fondi allokati għal oqsma strateġiċi oħra tal-baġit tal-UE iddedikati għad-difiża; ***jissottolinja li ż-żieda fil-baġit tal-UE għad-difiża ma għandhiex iżżid il-baġit ġenerali tal-UE, iżda żieda għandha tkun***

ibbażata fuq riallokazzjoni minn partiti tal-baġit oħra;

Or. en

Emenda 223
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jinnota li għandu jkun hemm fondi adegwati u fuq skala kbira biżżejjed u kontinwità għall-EDIP fil-QFP il-ġdid;

Or. en

Emenda 224
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jinnota li fil-baġit attwali tal-EDIP, mhuwiex fattibbli li jiġi ffinanzjat proġett ewlieni kbir wieħed. Għalhekk, fil-QFP li jmiss, il-programm tal-FEK "Reżiljenza, Sigurtà, Difiża u Spazju" għandu jinkludi taħlita usa' ta' attivitajiet aktar milli ftit proġetti ewlenin għaljin biss;

Or. en

Emenda 225
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jissottolinja li l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża b'mod kollettiv fil-livell tal-Unjoni jista' jiġġenera ekonomiji ta' skala sinifikanti, inaqqas il-kost u d-duplikazzjoni, u jiżgura li l-fondi pubbliċi u l-flus tal-kontribwenti jintużaw bl-aktar mod effiċjenti u responsabbli;

Or. en

Emenda 226
Judita Laššáková

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward il-proposta tal-EDIP li ż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-proġetti ewlenin x'aktarx li jaqbeż il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' sentejn previst mill-EDIP; ***jenfasizza, għalhekk, li biex il-proġetti*** ewlenin ***jibbenefikaw mill-finanzjament tal-EDIP,*** l-Istati Membri ***kkonċernati jeħtiġilhom jimpenjaw ruħhom li jikkofinanzjawhom għad-durata tagħhom kollha kemm hi, ferm lil hinn minn perjodu inizjali ta' sentejn***;	16. Jikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward il-proposta tal-EDIP li ż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-proġetti ewlenin x'aktarx li jaqbeż il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' sentejn previst mill-EDIP; ***jissottolinja, madankollu, li l-estensjoni tad-durata jew tal-impenji finanzjarji ta' tali proġetti trid tiġi indirizzata b'kawtela biex jiġu evitati twessigħ żejjed tal-baġits tal-proġetti tad-difiża u pressjoni eċċessiva fuq il-baġits pubbliċi; jisħaq li l-kofinanzjament ta' proġetti*** ewlenin ***għandu għalhekk ikun ibbażat fuq ippjanar fiskali sod, kosteffiċjenza, u trasparenza, filwaqt li jiġi żgurat li l-infiq addizzjonali ma jikkontribwix għall-instabbiltà makroekonomika jew jiddevja r-riżorsi minn servizzi pubbliċi essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni u*** l-Istati Membri ***jimplimentaw kontrolli stretti tan-nefqa, rieżamijiet finanzjarji perjodiċi, u mekkaniżmi biex jipprevjenu ż-żieda fil-kostijiet matul il-ħajja tal-proġett***;

Or. en

Emenda 227
György Hölvényi, Nikola Bartůšek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Roberto Vannacci

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward il-proposta tal-EDIP li ż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-proġetti ewlenin x'aktarx li jaqbeż il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' sentejn previst mill-EDIP; jenfasizza, għalhekk, li biex il-proġetti ewlenin jibbenefikaw mill-finanzjament tal-EDIP, l-Istati Membri kkonċernati ***jeħtiġilhom jimpenjaw ruħhom li jikkofinanzjawhom għad-durata tagħhom*** kollha kemm hi, ferm lil hinn minn perjodu inizjali ta' sentejn;	16. Jikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward il-proposta tal-EDIP li ż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-proġetti ewlenin x'aktarx li jaqbeż il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' sentejn previst mill-EDIP; jenfasizza, għalhekk, li biex il-proġetti ewlenin jibbenefikaw mill-finanzjament tal-EDIP, l-Istati Membri kkonċernati ***huma mħeġġa jikkunsidraw li jimpenjaw ruħhom għal struttura ta' kofinanzjament flessibbli u proporzjonata għad-durata tal-proġetti*** kollha kemm hi, ferm lil hinn minn perjodu inizjali ta' sentejn;

Or. en

Emenda 228
José Cepeda, Javi López, Vasile Dîncu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward il-proposta tal-EDIP li ż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-proġetti ewlenin x'aktarx li jaqbeż il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' sentejn previst mill-EDIP; jenfasizza, għalhekk, li biex il-proġetti ewlenin jibbenefikaw mill-finanzjament tal-EDIP, l-Istati Membri kkonċernati jeħtiġilhom jimpenjaw ruħhom li jikkofinanzjawhom	16. Jikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward il-proposta tal-EDIP li ż-żmien meħtieġ biex jitlestew il-proġetti ewlenin x'aktarx li jaqbeż il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' sentejn previst mill-EDIP; jenfasizza, għalhekk, li biex il-proġetti ewlenin jibbenefikaw mill-finanzjament tal-EDIP, l-Istati Membri kkonċernati jeħtiġilhom jimpenjaw ruħhom li jikkofinanzjawhom

għad-durata tagħhom kollha kemm hi, ferm lil hinn minn perjodu inizjali ta' sentejn;

għad-durata tagħhom kollha kemm hi, ferm lil hinn minn perjodu inizjali ta' sentejn; ***jissottolinja li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi politiki ta' żvilupp ċari fuq terminu qasir, medju u twil għall-EDPCIs, filwaqt li tiżgura li l-isforzi fit-tul tar-R&Ż u tal-innovazzjoni jkunu koordinati b'mod koerenti ma' investimenti fuq terminu qasir f'kapaċitajiet kritiċi tad-difiża, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-avvanz teknoloġiku kif ukoll il-prontezza operazzjonali immedjata;***

Or. en

Emenda 229
Michał Dworczyk, Adam Bielan, Reinis Pozņaks

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE ***jikkunsidraw li sistematikament jallokaw parti mill-baġits tad-difiża nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp ta' inizjattivi ta' sħubija*** u l-akkwist ta' tagħmir tad-difiża prodott fil-qafas tal-proġetti ewlenin;	17. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE ***jsaħħu l-kooperazzjoni volontarja u jesploraw sinerġiji fl-iżvilupp*** u l-akkwist ta' tagħmir tad-difiża prodott fil-qafas tal-proġetti ewlenin***, f'oqsma fejn l-isforzi konġunti huma fattibbli u jżidu valur ċar, filwaqt li jiżguraw ftuħ għal sħab tal-istess fehma u kompatibbiltà sħiħa mal-istandards tan-NATO, u f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-TUE u l-Artikolu 346 tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 230
Hannah Neumann
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jikkunsidraw li sistematikament jallokaw parti mill-baġits tad-difiża nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp ta' inizjattivi ta' sħubija u l-akkwist ta' tagħmir tad-difiża prodott fil-qafas tal-proġetti ewlenin;	17. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jikkunsidraw li sistematikament jallokaw parti mill-baġits tad-difiża nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp ta' inizjattivi ta' sħubija u l-akkwist ta' tagħmir tad-difiża prodott fil-qafas tal-proġetti ewlenin; ***jinsisti li l-ħtiġijiet urġenti ma jistgħux jistennew il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u jitlob li titnieda faċilità finanzjarja oħra barra l-baġit li tiġbor flimkien b'mod suffiċjenti partijiet mill-baġits tad-difiża nazzjonali fil-livell tal-UE, u tagħmilhom soġġetti għal livell suffiċjenti ta' Ewropizzazzjoni, u tindirizza ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-kapaċitajiet militari, mir-riċerka u l-iżvilupp kollaborattivi u l-akkwist konġunt sal-manutenzjoni konġunta, it-taħriġ u s-sigurtà tal-provvista, u li, bħall-Faċilità Ewropea għall-Paċi attwali barra l-baġit, tkun miftuħa għal pajjiżi mhux tal-UE bħan-Norveġja u r-Renju Unit; jisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa li jittejbu l-proċeduri ta' teħid tad-deċiżjonijiet u ta' sorveljanza meta mqabbla mal-mudell ta' governanza attwali tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi;***
	Or. en

Emenda 231
Nicolás Pascual de la Parte

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jikkunsidraw li sistematikament jallokaw parti mill-baġits tad-difiża nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp ta' inizjattivi ta' sħubija u l-akkwist ta' tagħmir tad-difiża prodott fil-qafas tal-proġetti ewlenin;	17. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jikkunsidraw li sistematikament jallokaw parti mill-baġits tad-difiża nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp ta' inizjattivi ta' sħubija u l-akkwist ta' tagħmir tad-difiża prodott fil-qafas tal-proġetti ewlenin; ***iħeġġeġ il-koordinazzjoni mal-objettivi ta'***

kapaċità tan-NATO u l-ippjanar tad-difiża nazzjonali biex tiġi żgurata l-komplementarjetà, tiġi evitata l-frammentazzjoni tar-riżorsi u tissaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB);

Or. en

Emenda 232
Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Il-mekkaniżmi finanzjarji u/jew il-fondi Ewropej immirati lejn proġetti ta' difiża ma jridux iwasslu għall-mutwalizzazzjoni tan-nefqa militari jew għal trasferimenti indiretti bejn l-Istati Membri; kull Stat jeħtieġlu jżomm sovranità shiha fuq l-allokazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-baġit tad-difiża tiegħu;

Or. es

Emenda 233
Merja Kyllönen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja wkoll li l-iżgurar tas-suċċess tal-proġetti ewlenin jirrikjedi mhux biss appoġġ fil-livell tal-UE iżda wkoll impenji finanzjarji nazzjonali b'saħħithom u kontinwi mill-Istati Membri u mill-industrija; jisħaq li tali programmi huma intrinsikament fit-tul, kif muri mis-Sistema tal-Ajru Futura tal-Kumbattiment (FCAS), imnedija fl-2017 u

vvalutati għal madwar EUR 100 biljun, b'kapaċità operazzjonali mistennija biss sal-2040; jenfasizza għalhekk l-importanza tal-ippjanar għal investiment sostnut u kontinwità industrijali biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 234
Urmas Paet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li l-qafas finanzjarju għall-proġetti ewlenin għandu jqis id-differenzi fil-kapaċità fiskali nazzjonali fost l-Istati Membri; jappella għal mekkaniżmi ta' kofinanzjament li jkunu flessibbli u inklużivi, li jiżguraw li l-Istati Membri kollha, irrispettivament mid-daqs ekonomiku, ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fi proġetti ta' interess Ewropew komuni;

Or. en